Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Petizzjonijiet

2026/2072(INI)

14.7.2026

EMENDI
1 - 246

Abbozz ta' rapport
Nils Ušakovs
(PE789.172v01-00)

Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-2025
(2026/2072(INI))

Emenda 1
Alvise Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-għadd totali ta' petizzjonijiet għadu modest meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE, li juri li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni, u dwar l-utilità possibbli tal-petizzjonijiet bħala mezz biex jiġbdu l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għal kwistjonijiet li jaffettwaw u jikkonċernaw direttament liċ-ċittadini; billi, fl-eżerċizzju tad-dritt li titressaq petizzjoni, iċ-ċittadini jistennew li l-istituzzjonijiet tal-UE jipprovdu valur miżjud biex tinstab soluzzjoni għall-problemi tagħhom; billi dan id-dritt ta' petizzjoni jrid jippromwovi wkoll prinċipji fundamentali bħall-amministrazzjoni tajba tal-istituzzjonijiet Ewropej, il-libertà tal-espressjoni u r-rispett għall-espressjoni demokratika;	D. billi l-għadd totali ta' petizzjonijiet għadu modest meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE, li juri li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni, u dwar l-utilità possibbli tal-petizzjonijiet bħala mezz biex jiġbdu l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għal kwistjonijiet li jaffettwaw u jikkonċernaw direttament liċ-ċittadini; billi, fl-eżerċizzju tad-dritt li titressaq petizzjoni, iċ-ċittadini jistennew li l-istituzzjonijiet tal-UE jipprovdu valur miżjud biex tinstab soluzzjoni għall-problemi tagħhom; billi dan id-dritt ta' petizzjoni jrid jippromwovi wkoll prinċipji fundamentali bħall-amministrazzjoni tajba tal-istituzzjonijiet Ewropej, il-libertà tal-espressjoni u r-rispett għall-espressjoni demokratika; ***jisħaq li ż-żieda fil-petizzjonijiet f'ċerti Stati Membri għandha titqies ukoll bħala sinjal ta' nuqqas ta' fiduċja pubblika fil-mekkaniżmi nazzjonali ta' rimedju, speċjalment fejn dawk il-petizzjonijiet jirrigwardaw il-ġustizzja, id-drittijiet fundamentali, it-trasparenza, il-protezzjoni ċivili, il-migrazzjoni, il-korruzzjoni jew l-allegata amministrazzjoni pubblika ħażina;***

Or. es

Emenda 2
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-għadd totali ta' petizzjonijiet għadu modest meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE***, li juri li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni, u dwar l-utilità possibbli tal-petizzjonijiet bħala mezz biex*** jiġbdu l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għal kwistjonijiet li ***jaffettwaw u jikkonċernaw*** direttament ***liċ-ċittadini; billi, fl-eżerċizzju tad-dritt li titressaq petizzjoni, iċ-ċittadini jistennew li l-istituzzjonijiet tal-UE jipprovdu valur miżjud biex tinstab soluzzjoni għall-problemi tagħhom***; billi ***dan id-dritt*** ta' petizzjoni ***jrid jippromwovi wkoll prinċipji*** fundamentali ***bħall-amministrazzjoni tajba tal-istituzzjonijiet Ewropej***, ***il-libertà tal-espressjoni u r-rispett għall-espressjoni demokratika***;	D. billi l-għadd totali ta' petizzjonijiet għadu modest meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE***; billi l-petizzjonijiet huma wieħed mill-mezzi li bihom iċ-ċittadini jistgħu*** jiġbdu l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għal kwistjonijiet li ***jikkonċernawhom*** direttament; billi ***d-dritt*** ta' petizzjoni ***huwa wieħed mid-drittijiet*** fundamentali ***taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati***, ***u l-eżerċizzju effettiv tiegħu jrawwem it-trasparenza, il-parteċipazzjoni ċivika u l-funzjonament demokratiku tal-Unjoni Ewropea***;
	Or. sk

Emenda 3
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-għadd totali ta' petizzjonijiet għadu modest meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE, li juri li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni, u dwar l-utilità possibbli tal-petizzjonijiet bħala ***mezz biex jiġbdu l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet*** tal-UE u tal-Istati Membri għal kwistjonijiet li jaffettwaw u jikkonċernaw direttament liċ-ċittadini; billi**,** fl-eżerċizzju tad-dritt li titressaq petizzjoni, iċ-ċittadini jistennew li l-istituzzjonijiet tal-UE jipprovdu valur miżjud ***biex tinstab soluzzjoni għall-problemi tagħhom***; billi dan id-dritt ta'	D. billi l-għadd totali ta' petizzjonijiet għadu modest meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE, li juri li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni, u dwar l-utilità possibbli tal-petizzjonijiet bħala ***pont bejn l-istituzzjonijiet*** tal-UE u tal-Istati Membri għal kwistjonijiet li jaffettwaw u jikkonċernaw direttament liċ-ċittadini; billi fl-eżerċizzju tad-dritt li titressaq petizzjoni, iċ-ċittadini jistennew li l-istituzzjonijiet tal-UE jipprovdu valur miżjud ***billi jeżaminaw it-tħassib tal-petizzjonanti, jipprovdu tweġibiet u jinsistu fuq segwitu effettiv fil-***

petizzjoni jrid jippromwovi wkoll prinċipji fundamentali bħall-amministrazzjoni tajba tal-istituzzjonijiet Ewropej, il-libertà tal-espressjoni u r-rispett għall-espressjoni demokratika;	***qafas tal-kompetenzi tal-UE***; billi dan id-dritt ta' petizzjoni jrid jippromwovi wkoll prinċipji fundamentali bħall-amministrazzjoni tajba tal-istituzzjonijiet Ewropej, il-libertà tal-espressjoni u r-rispett għall-espressjoni demokratika;

Or. es

Emenda 4
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-għadd totali ta' petizzjonijiet għadu modest meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE, li juri li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni, u dwar l-utilità possibbli tal-petizzjonijiet bħala mezz biex jiġbdu l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għal kwistjonijiet li jaffettwaw u jikkonċernaw direttament liċ-ċittadini; billi, fl-eżerċizzju tad-dritt li titressaq petizzjoni, iċ-ċittadini jistennew li l-istituzzjonijiet tal-UE jipprovdu valur miżjud biex tinstab soluzzjoni għall-problemi tagħhom; billi ***dan id-dritt*** ta' petizzjoni ***jrid jippromwovi wkoll prinċipji fundamentali bħall-amministrazzjoni tajba tal-istituzzjonijiet Ewropej, il-libertà tal-espressjoni u r-rispett għall-espressjoni demokratika***;	D. billi l-għadd totali ta' petizzjonijiet għadu modest meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE, li juri li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni, u dwar l-utilità possibbli tal-petizzjonijiet bħala mezz biex jiġbdu l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għal kwistjonijiet li jaffettwaw u jikkonċernaw direttament liċ-ċittadini; billi, fl-eżerċizzju tad-dritt li titressaq petizzjoni, iċ-ċittadini jistennew li l-istituzzjonijiet tal-UE jipprovdu valur miżjud biex tinstab soluzzjoni għall-problemi tagħhom; billi ***d-dritt*** ta' petizzjoni ***huwa strument ewlieni għaċ-ċittadini biex iżommu l-istituzzjonijiet tal-UE responsabbli, inkluż fir-rigward tal-użu trasparenti tal-fondi tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 5
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-għadd kbir ta' petizzjonijiet li jirrigwardaw lil Spanja jirrifletti tħassib persistenti rigward l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini; billi l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċedimenti tiegħu;

Or. en

Emenda 6
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-kriterji għall-ammissibbiltà tal-petizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE u fl-Artikolu 232(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, u dawn jirrikjedu li l-petizzjonijiet jitressqu minn ċittadin tal-UE jew minn persuna fiżika jew ġuridika, jew individwalment jew f'assoċjazzjoni ma' oħrajn, li tkun residenti ta' Stat Membru jew li jkollha uffiċċju reġistrat fi Stat Membru, dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma tal-attività tal-UE u li jaffettwaw lill-petizzjonanti b'mod dirett;	E. billi l-kriterji għall-ammissibbiltà tal-petizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE u fl-Artikolu 232(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, u dawn jirrikjedu li l-petizzjonijiet jitressqu minn ċittadin tal-UE jew minn persuna fiżika jew ġuridika, jew individwalment jew f'assoċjazzjoni ma' oħrajn, li tkun residenti ta' Stat Membru jew li jkollha uffiċċju reġistrat fi Stat Membru, dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma tal-attività tal-UE u li jaffettwaw lill-petizzjonanti b'mod dirett***, b'interpretazzjoni wiesgħa ħafna ta' din l-aħħar kundizzjoni***;

Or. en

Emenda 7
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-kriterji għall-ammissibbiltà tal-petizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE u fl-Artikolu 232(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, u dawn jirrikjedu li l-petizzjonijiet jitressqu minn ċittadin tal-UE jew minn persuna fiżika jew ġuridika, jew individwalment jew f'assoċjazzjoni ma' oħrajn, li tkun residenti ta' Stat Membru jew li jkollha uffiċċju reġistrat fi Stat Membru, dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma tal-attività tal-UE ***u li jaffettwaw lill-petizzjonanti b'mod dirett***;	E. billi l-kriterji għall-ammissibbiltà tal-petizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE u fl-Artikolu 232(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, u dawn jirrikjedu li l-petizzjonijiet jitressqu minn ċittadin tal-UE jew minn persuna fiżika jew ġuridika, jew individwalment jew f'assoċjazzjoni ma' oħrajn, li tkun residenti ta' Stat Membru jew li jkollha uffiċċju reġistrat fi Stat Membru, dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma tal-attività tal-UE;

Or. es

Emenda 8
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi, mill-petizzjonijiet mressqa fl-2025, ***1 073*** ġew iddikjarati inammissibbli u 38 ġew irtirati; billi l-proporzjon tal-petizzjonijiet inammissibbli fl-2025 baqa' relattivament għoli (36,12 %), għalkemm aktar baxx minn dak fl-2024 (***40,25*** %); billi għalhekk huma meħtieġa aktar sforzi biex jittejjeb il-fehim taċ-ċittadini tal-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea;	F. billi, mill-petizzjonijiet mressqa fl-2025, ***1 073*** ġew iddikjarati inammissibbli u 38 ġew irtirati; billi l-proporzjon tal-petizzjonijiet inammissibbli fl-2025 baqa' relattivament għoli (36,12 %), għalkemm aktar baxx minn dak fl-2024 (***40.25*** %); billi għalhekk huma meħtieġa aktar sforzi biex jittejjeb il-fehim taċ-ċittadini tal-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea; ***billi għalhekk huma meħtieġa aktar sforzi biex jittejjeb il-fehim taċ-ċittadini tal-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea; billi ħafna petizzjonijiet ingħalqu direttament fid-dokument sommarju, li huwa att amministrattiv, iżda ma fih l-ebda motivazzjoni raġunata; billi dawk il-petizzjonijiet qatt ma ngħataw l-opportunità li jinstemgħu fil-Kumitat wara li ġew iddikjarati ammissibbli;***

Or. en

Emenda 9
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi, mill-petizzjonijiet mressqa fl-2025, ***1 073*** ġew iddikjarati inammissibbli u 38 ġew irtirati; billi l-proporzjon tal-petizzjonijiet inammissibbli fl-2025 baqa' relattivament għoli (36,12 %), għalkemm aktar baxx minn dak fl-2024 (40,25 %); billi għalhekk huma meħtieġa aktar sforzi biex jittejjeb il-fehim taċ-ċittadini tal-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea;	F. billi, mill-petizzjonijiet mressqa fl-2025, ***1 073*** ġew iddikjarati inammissibbli u 38 ġew irtirati; billi l-proporzjon tal-petizzjonijiet inammissibbli fl-2025 baqa' relattivament għoli (36,12 %), għalkemm aktar baxx minn dak fl-2024 (40,25 %); billi għalhekk huma meħtieġa aktar sforzi biex jittejjeb il-fehim taċ-ċittadini tal-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea ***u tal-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriterji li jiddeterminaw l-eliġibbiltà tagħhom***;

Or. es

Emenda 10
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi, mill-petizzjonijiet mressqa fl-2025, ***1 073*** ġew iddikjarati inammissibbli u 38 ġew irtirati; billi l-proporzjon tal-petizzjonijiet inammissibbli fl-2025 baqa' relattivament għoli (36,12 %), għalkemm aktar baxx minn dak fl-2024 (40,25 %); billi ***għalhekk huma meħtieġa aktar sforzi biex jittejjeb il-fehim taċ-ċittadini tal-ambitu tal-kompetenzi*** tal-Unjoni Ewropea;	F. billi, mill-petizzjonijiet mressqa fl-2025, ***1 073*** ġew iddikjarati inammissibbli u 38 ġew irtirati; billi l-proporzjon tal-petizzjonijiet inammissibbli fl-2025 baqa' relattivament għoli (36,12 %), għalkemm aktar baxx minn dak fl-2024 (40,25 %); billi ***l-informazzjoni msemmija hawn fuq tenfasizza l-importanza li ċ-ċittadini jingħataw informazzjoni ċara u li tinftiehem dwar il-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà tal-petizzjonijiet u dwar l-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenzi*** tal-Unjoni Ewropea;

Or. sk

Emenda 11
Alvise Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi d-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament huwa dritt fundamentali taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE, li jippermettilhom jindirizzaw lill-Parlament direttament b'mod miftuħ, demokratiku u trasparenti; billi l-petizzjonijiet jikkostitwixxu strument importanti għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika, l-obbligu ta' rendikont u d-djalogu bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-UE;	G. billi d-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament huwa dritt fundamentali taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE, li jippermettilhom jindirizzaw lill-Parlament direttament b'mod miftuħ, demokratiku u trasparenti; billi l-petizzjonijiet jikkostitwixxu strument importanti għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika, l-obbligu ta' rendikont u d-djalogu bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-UE; ***jenfasizza li dan id-dritt m'għandux ikun limitat de facto minn bilanċi interni bejn il-gruppi politiċi, u li ċ-ċittadini kollha tal-UE għandhom ikunu jistgħu jħossuhom rappreżentati quddiem il-Kumitat għall-Petizzjonijiet, inklużi dawk li r-rappreżentanti eletti tagħhom ma jappartjenux għal grupp politiku;***

Or. es

Emenda 12
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi d-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament huwa dritt fundamentali taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE, li jippermettilhom jindirizzaw lill-Parlament direttament b'mod miftuħ, demokratiku u trasparenti; billi l-petizzjonijiet jikkostitwixxu strument	G. billi d-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament huwa dritt fundamentali taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE, li jippermettilhom jindirizzaw lill-Parlament direttament b'mod miftuħ, demokratiku u trasparenti; billi l-petizzjonijiet jikkostitwixxu strument

importanti għat-tisħiħ ***tal-parteċipazzjoni demokratika, l-obbligu*** ta' rendikont ***u*** d-djalogu bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-UE;	importanti għat-tisħiħ ***tal-obbligu*** ta' rendikont***, irawmu*** d-djalogu bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-UE***, u jippermettu liċ-ċittadini jqajmu tħassib dwar l-applikazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni, u b'hekk jikkontribwixxu għal governanza tajba u skrutinju parlamentari infurmat***;
	Or. en

Emenda 13
Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet, permezz tal-eżami ta' petizzjonijiet individwali, jipprovdi għarfien uniku dwar l-impatt prattiku tal-leġiżlazzjoni tal-UE fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini; billi l-ħidma tal-kumitat spiss tenfasizza l-konsegwenzi ta' regolamentazzjoni tal-UE kumplessa żżejjed jew sproporzjonata fil-konfront taċ-ċittadini, tan-negozji ż-żgħar u tal-komunitajiet lokali;
	Or. en

Emenda 14
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-Parlament ilu fuq quddiem nett fl-iżvilupp tal-proċess tal-petizzjonijiet fuq livell internazzjonali u qed ikompli jopera waħda mill-aktar sistemi ta' petizzjonijiet miftuħa u trasparenti fl-Ewropa; billi l-Portal tal-Petizzjonijiet	H. billi l-Parlament ilu fuq quddiem nett fl-iżvilupp tal-proċess tal-petizzjonijiet fuq livell internazzjonali u qed ikompli jopera waħda mill-aktar sistemi ta' petizzjonijiet miftuħa u trasparenti fl-Ewropa; billi l-Portal tal-Petizzjonijiet

jiżvolġi rwol ċentrali fl-iffaċilitar tal-aċċess taċ-ċittadini għall-proċess tal-petizzjonijiet; billi, fl-2025, ġew osservati żviluppi pożittivi fil-funzjoni ta' tiftix tal-Portal tal-Petizzjonijiet; billi tali żviluppi teknoloġiċi għandhom il-potenzjal li jiffaċilitaw ipproċessar u analiżi aktar effiċjenti tal-petizzjonijiet u li jtejbu l-aċċess faċli għall-utent għas-sistema tal-petizzjonijiet meta mqabbla mal-funzjonalitajiet attwali; billi għaddejja aktar ħidma f'dan il-qasam, bil-ħsieb li jitkompla l-iżvilupp responsabbli u strutturat ta' tali għodod fil-futur, b'rispett sħiħ għat-trasparenza, għall-protezzjoni tad-data u għall-qafas istituzzjonali tal-UE;

jiżvolġi rwol ċentrali fl-iffaċilitar tal-aċċess taċ-ċittadini għall-proċess tal-petizzjonijiet; billi, fl-2025, ġew osservati żviluppi pożittivi fil-funzjoni ta' tiftix tal-Portal tal-Petizzjonijiet; billi tali żviluppi teknoloġiċi għandhom il-potenzjal li jiffaċilitaw ipproċessar u analiżi aktar effiċjenti tal-petizzjonijiet u li jtejbu l-aċċess faċli għall-utent għas-sistema tal-petizzjonijiet meta mqabbla mal-funzjonalitajiet attwali; billi għaddejja aktar ħidma f'dan il-qasam, bil-ħsieb li jitkompla l-iżvilupp responsabbli u strutturat ta' tali għodod fil-futur, b'rispett sħiħ għat-trasparenza, għall-protezzjoni tad-data u għall-qafas istituzzjonali tal-UE; ***billi l-iżviluppi teknoloġiċi, inklużi l-għodod tal-intelliġenza artifiċjali, jistgħu jiffaċilitaw il-ħidma amministrattiva iżda qatt ma għandhom jissostitwixxu l-valutazzjoni politika jew l-iskrutinju uman meta jiġu eżaminati l-petizzjonijiet imressqa miċ-ċittadini;***

Or. en

Emenda 15
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-Parlament ilu fuq quddiem nett fl-iżvilupp tal-proċess tal-petizzjonijiet fuq livell internazzjonali u qed ikompli jopera ***waħda mill-aktar sistemi*** ta' petizzjonijiet miftuħa u trasparenti fl-Ewropa; billi l-Portal tal-Petizzjonijiet jiżvolġi rwol ċentrali fl-iffaċilitar tal-aċċess taċ-ċittadini għall-proċess tal-petizzjonijiet; ***billi***, fl-2025, ***ġew osservati*** żviluppi pożittivi fil-funzjoni ta' tiftix tal-Portal tal-Petizzjonijiet; billi tali żviluppi teknoloġiċi għandhom il-potenzjal li jiffaċilitaw ipproċessar u analiżi aktar effiċjenti tal-petizzjonijiet u li jtejbu l-aċċess faċli għall-utent għas-sistema tal-petizzjonijiet meta	H. billi l-Parlament ilu fuq quddiem nett fl-iżvilupp tal-proċess tal-petizzjonijiet fuq livell internazzjonali u qed ikompli jopera ***l-aktar sistema*** ta' petizzjonijiet miftuħa u trasparenti fl-Ewropa; billi l-Portal tal-Petizzjonijiet jiżvolġi rwol ċentrali fl-iffaċilitar tal-aċċess taċ-ċittadini għall-proċess tal-petizzjonijiet; ***jilqa' l-progress fit-titjib tal-użu u l-aċċessibbiltà tal-pjattaforma tal-petizzjonijiet online, li***, fl-2025, ***rat*** żviluppi pożittivi fil-funzjoni ta' tiftix tal-Portal tal-Petizzjonijiet; billi tali żviluppi teknoloġiċi għandhom il-potenzjal li jiffaċilitaw ipproċessar u analiżi aktar effiċjenti tal-petizzjonijiet u li

mqabbla mal-funzjonalitajiet attwali; billi għaddejja aktar ħidma f'dan il-qasam, bil-ħsieb li jitkompla l-iżvilupp responsabbli u strutturat ta' tali għodod fil-futur, b'rispett sħiħ għat-trasparenza, għall-protezzjoni tad-data u għall-qafas istituzzjonali tal-UE;	jtejbu l-aċċess faċli għall-utent għas-sistema tal-petizzjonijiet meta mqabbla mal-funzjonalitajiet attwali; billi għaddejja aktar ħidma f'dan il-qasam, bil-ħsieb li jitkompla l-iżvilupp responsabbli u strutturat ta' tali għodod fil-futur, b'rispett sħiħ għat-trasparenza, għall-protezzjoni tad-data u għall-qafas istituzzjonali tal-UE;

Or. es

Emenda 16
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-Parlament ilu ***fuq quddiem nett fl-iżvilupp tal-proċess*** tal-petizzjonijiet ***fuq livell internazzjonali u qed ikompli jopera waħda mill-aktar sistemi ta' petizzjonijiet miftuħa u trasparenti fl-Ewropa***; billi l-Portal tal-Petizzjonijiet jiżvolġi rwol ***ċentrali*** fl-iffaċilitar tal-aċċess taċ-ċittadini għall-proċess tal-petizzjonijiet; billi, fl-2025, ***ġew osservati żviluppi pożittivi*** fil-funzjoni ta' tiftix tal-Portal tal-Petizzjonijiet; billi tali żviluppi teknoloġiċi għandhom il-potenzjal li jiffaċilitaw ipproċessar u analiżi aktar effiċjenti tal-petizzjonijiet u li jtejbu l-aċċess ***faċli*** għall-utent għas-sistema tal-petizzjonijiet ***meta mqabbla mal-funzjonalitajiet attwali***; billi għaddejja aktar ħidma f'dan il-qasam, bil-ħsieb li jitkompla l-iżvilupp responsabbli u strutturat ta' tali għodod fil-futur, b'rispett sħiħ għat-trasparenza, għall-protezzjoni tad-data u għall-qafas istituzzjonali tal-UE;	H. billi l-Parlament ilu ***jiżviluppa l-proċess*** tal-petizzjonijiet ***bl-għan li jagħmilha aktar faċli għaċ-ċittadini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' petizzjoni***; billi l-Portal tal-Petizzjonijiet jiżvolġi rwol ***sinifikattiv*** fl-iffaċilitar tal-aċċess taċ-ċittadini għall-proċess tal-petizzjonijiet; billi, fl-2025, ***sar aktar titjib tekniku*** fil-funzjoni ta' tiftix tal-Portal tal-Petizzjonijiet; billi tali żviluppi teknoloġiċi għandhom il-potenzjal li jiffaċilitaw ipproċessar u analiżi aktar effiċjenti tal-petizzjonijiet u li jtejbu l-aċċess għall-utent għas-sistema tal-petizzjonijiet; billi għaddejja aktar ħidma f'dan il-qasam, bil-ħsieb li jitkompla l-iżvilupp responsabbli u strutturat ta' tali għodod fil-futur, b'rispett sħiħ għat-trasparenza, għall-protezzjoni tad-data u għall-qafas istituzzjonali tal-UE;

Or. sk

Emenda 17
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi fl-2025, 88 % tal-petizzjonijiet tressqu permezz tal-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament, meta mqabbla mat-82,3 % fl-2024, li jikkonferma l-portal bħala l-aktar mezz użat għat-tressiq tal-petizzjonijiet; billi l-Portal tal-Petizzjonijiet jiżgura l-pubblikazzjoni awtomatika ta' informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni u l-aġġornamenti tal-istatus tal-petizzjonijiet, kif ukoll id-dispożizzjoni ta' data rilevanti addizzjonali, bħall-pajjiż ta' oriġini u l-klassifikazzjoni tematika, flimkien ma' sommarji disponibbli fl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE; billi fl-2025 il-petizzjonijiet ***kollha tħejjew,*** ġew ipproċessati u ppubblikati ***b'mod konsistenti u f'waqtu,*** fi żmien ftit jiem mill-adozzjoni tagħhom***, u b'hekk ġie żgurat aċċess pubbliku rapidu għall-informazzjoni rilevanti***; billi t-talbiet interni u esterni ***kollha għall-assistenza li jikkonċernaw*** l-użu, il-funzjonament u l-kontenut tal-Portal tal-Petizzjonijiet ġew indirizzati ***b'mod effettiv u mingħajr dewmien, bi kwalunkwe waħda mil-lingwi*** uffiċjali ***tal-UE, u b'hekk ġie żgurat livell għoli ta' aċċessibbiltà u appoġġ għall-utenti***;	I. billi fl-2025, 88 % tal-petizzjonijiet tressqu permezz tal-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament, meta mqabbla mat-82,3 % fl-2024, li jikkonferma l-portal bħala l-aktar mezz użat għat-tressiq tal-petizzjonijiet; billi l-Portal tal-Petizzjonijiet jiżgura l-pubblikazzjoni awtomatika ta' informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni u l-aġġornamenti tal-istatus tal-petizzjonijiet, kif ukoll id-dispożizzjoni ta' data rilevanti addizzjonali, bħall-pajjiż ta' oriġini u l-klassifikazzjoni tematika, flimkien ma' sommarji disponibbli fl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE; billi fl-2025 il-petizzjonijiet ġew ipproċessati u ppubblikati fi żmien ftit jiem mill-adozzjoni tagħhom; billi t-talbiet interni u esterni ***dwar*** l-użu, il-funzjonament u l-kontenut tal-Portal tal-Petizzjonijiet ġew indirizzati ***bil-lingwi*** uffiċjali ***kollha tal-Unjoni Ewropea***;

Or. sk

Emenda 18
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi fl-2025, 88 % tal-petizzjonijiet tressqu permezz tal-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament, meta mqabbla mat-82,3 % fl-2024, li jikkonferma l-portal bħala l-	I. billi fl-2025, 88 % tal-petizzjonijiet tressqu permezz tal-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament, meta mqabbla mat-82,3 % fl-2024, li jikkonferma l-portal bħala l-

aktar mezz użat għat-tressiq tal-petizzjonijiet; billi l-Portal tal-Petizzjonijiet jiżgura l-pubblikazzjoni awtomatika ta' informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni u l-aġġornamenti tal-istatus tal-petizzjonijiet, kif ukoll id-dispożizzjoni ta' data rilevanti addizzjonali, bħall-pajjiż ta' oriġini u l-klassifikazzjoni tematika, flimkien ma' sommarji disponibbli fl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE; billi ***fl-2025 il-petizzjonijiet*** kollha ***tħejjew, ġew ipproċessati*** u ppubblikati b'mod konsistenti u f'waqtu, fi żmien ftit jiem mill-adozzjoni tagħhom, u b'hekk ***ġie*** żgurat aċċess pubbliku rapidu għall-informazzjoni rilevanti; billi t-talbiet interni u esterni kollha għall-assistenza li jikkonċernaw l-użu, il-funzjonament u l-kontenut tal-Portal tal-Petizzjonijiet ***ġew*** indirizzati b'mod effettiv u mingħajr dewmien, bi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE, u b'hekk ġie żgurat livell għoli ta' aċċessibbiltà u appoġġ għall-utenti;	aktar mezz użat għat-tressiq tal-petizzjonijiet; billi l-Portal tal-Petizzjonijiet ***għandu*** jiżgura l-pubblikazzjoni awtomatika ta' informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni u l-aġġornamenti tal-istatus tal-petizzjonijiet, kif ukoll id-dispożizzjoni ta' data rilevanti addizzjonali, bħall-pajjiż ta' oriġini u l-klassifikazzjoni tematika, flimkien ma' sommarji disponibbli fl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE; billi ***l-petizzjonijiet*** kollha ***għandhom jitħejjew, jiġu pproċessati*** u ppubblikati b'mod konsistenti u f'waqtu, fi żmien ftit jiem mill-adozzjoni tagħhom, u b'hekk ***jiġi*** żgurat aċċess pubbliku rapidu għall-informazzjoni rilevanti; billi t-talbiet interni u esterni kollha għall-assistenza li jikkonċernaw l-użu, il-funzjonament u l-kontenut tal-Portal tal-Petizzjonijiet ***għandhom jiġu*** indirizzati b'mod effettiv u mingħajr dewmien, bi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE, u b'hekk ġie żgurat livell għoli ta' aċċessibbiltà u appoġġ għall-utenti;
	Or. en

Emenda 19
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi fl-2025, il-ħidma fuq it-tisħiħ tal-inklużività u tal-aċċessibbiltà tal-Portal tal-Petizzjonijiet ġiet intensifikata aktar permezz ***tal-introduzzjoni ta' għażliet newtrali għall-ġeneru, reviżjonijiet tal-ittri mudell fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u l-modernizzazzjoni*** kontinwa tal-infrastruttura teknika tal-pjattaforma;	J. billi fl-2025, il-ħidma fuq it-tisħiħ tal-inklużività u tal-aċċessibbiltà tal-Portal tal-Petizzjonijiet ġiet intensifikata aktar permezz ***tal-modernizzazzjoni*** kontinwa tal-infrastruttura teknika tal-pjattaforma;
	Or. es

Emenda 20
Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi fl-2025, il-ħidma fuq it-tisħiħ tal-inklużività u tal-aċċessibbiltà tal-Portal tal-Petizzjonijiet ġiet intensifikata aktar permezz ***tal-introduzzjoni ta' għażliet newtrali għall-ġeneru, reviżjonijiet tal-ittri mudell fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u l-modernizzazzjoni*** kontinwa tal-infrastruttura teknika tal-pjattaforma;	J. billi fl-2025, il-ħidma fuq it-tisħiħ tal-inklużività u tal-aċċessibbiltà tal-Portal tal-Petizzjonijiet ġiet intensifikata aktar permezz ***tal-modernizzazzjoni*** kontinwa tal-infrastruttura teknika tal-pjattaforma***, inkluż titjib fl-esperjenza tal-utenti, fl-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà u fl-għoti multilingwi tal-informazzjoni***;

Or. en

Emenda 21
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi fl-2025, il-ħidma fuq it-tisħiħ tal-inklużività u tal-aċċessibbiltà tal-Portal tal-Petizzjonijiet ġiet intensifikata aktar permezz ***tal-introduzzjoni ta' għażliet newtrali għall-ġeneru, reviżjonijiet tal-ittri mudell fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u l-modernizzazzjoni*** kontinwa tal-infrastruttura teknika tal-pjattaforma;	J. billi fl-2025, il-ħidma fuq it-tisħiħ tal-inklużività u tal-aċċessibbiltà tal-Portal tal-Petizzjonijiet ġiet intensifikata aktar permezz ***tal-modernizzazzjoni*** kontinwa tal-infrastruttura teknika tal-pjattaforma; ***billi l-ittri mudell li jinkludu lingwaġġ newtrali għall-ġeneru jagħmlu l-ħidma tas-segretarjat aktar effiċjenti u orjentata lejn iċ-ċittadin;***

Or. en

Emenda 22
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi fl-2025, il-ħidma fuq ***it-tisħiħ tal-inklużività*** u tal-aċċessibbiltà tal-Portal tal-Petizzjonijiet ***ġiet intensifikata aktar*** permezz ***tal-introduzzjoni ta' għażliet newtrali għall-ġeneru, reviżjonijiet*** tal-ittri mudell fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u l-modernizzazzjoni kontinwa tal-infrastruttura teknika tal-pjattaforma;	J. billi fl-2025, ***kompliet*** il-ħidma fuq ***it-titjib tal-funzjonalità*** u tal-aċċessibbiltà tal-Portal tal-Petizzjonijiet***, b'mod partikolari*** permezz ***tar-reviżjonijiet*** tal-ittri mudell fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u l-modernizzazzjoni kontinwa tal-infrastruttura teknika tal-pjattaforma***, bil-ħsieb li jiġu moqdija aħjar iċ-ċittadini u l-entitajiet legali***;

Or. pl

Emenda 23
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi fl-2025, il-ħidma fuq it-tisħiħ tal-inklużività u tal-aċċessibbiltà tal-Portal tal-Petizzjonijiet ġiet intensifikata aktar permezz ***tal-introduzzjoni ta' għażliet newtrali għall-ġeneru, reviżjonijiet*** tal-ittri mudell fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u l-modernizzazzjoni kontinwa tal-infrastruttura teknika tal-pjattaforma;	J. billi fl-2025, il-ħidma fuq it-tisħiħ tal-inklużività u tal-aċċessibbiltà tal-Portal tal-Petizzjonijiet ġiet intensifikata aktar permezz ***tar-reviżjonijiet*** tal-ittri mudell fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u l-modernizzazzjoni kontinwa tal-infrastruttura teknika tal-pjattaforma;

Or. en

Emenda 24
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi fl-2025, ***il-ħidma fuq it-tisħiħ tal-inklużività u tal-aċċessibbiltà*** tal-Portal tal-Petizzjonijiet ***ġiet intensifikata aktar*** permezz tal-introduzzjoni ta' ***għażliet newtrali għall-ġeneru, reviżjonijiet*** tal-ittri	J. billi fl-2025, ***l-iżvilupp u t-titjib*** tal-Portal tal-Petizzjonijiet ***komplew*** permezz tal-introduzzjoni ta' ***karatteristiċi ġodda fil-formoli tal-utenti, ir-reviżjoni*** tal-ittri mudell fil-lingwi uffiċjali kollha ***tal-***

mudell fil-lingwi uffiċjali kollha ***tal-UE*** u l-modernizzazzjoni ***kontinwa*** tal-infrastruttura teknika tal-pjattaforma;	***Unjoni Ewropea,*** u l-modernizzazzjoni ***ulterjuri*** tal-infrastruttura teknika tal-pjattaforma;

Or. sk

Emenda 25
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jissottolinja l-importanza li jkun hemm trasparenza akbar fit-trattament tal-petizzjonijiet, inkluż feedback sistematiku lill-petizzjonanti fl-istadji fundamentali tal-proċedura ***u*** informazzjoni aktar ċara dwar l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-istituzzjonijiet tal-UE;	K. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jissottolinja l-importanza li jkun hemm trasparenza akbar fit-trattament tal-petizzjonijiet, inkluż feedback sistematiku lill-petizzjonanti fl-istadji fundamentali tal-proċedura***,*** informazzjoni aktar ċara dwar l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-istituzzjonijiet tal-UE ***u spjegazzjonijiet b'sinifikat meta l-petizzjonijiet jiġu ddikjarati ammissibbli jew magħluqa***;

Or. en

Emenda 26
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi ***l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jissottolinja l-importanza li jkun hemm trasparenza akbar fit-trattament*** tal-petizzjonijiet***, inkluż feedback sistematiku lill-petizzjonanti fl-istadji fundamentali*** tal-proċedura u ***informazzjoni aktar ċara*** dwar l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-istituzzjonijiet ***tal-UE***;	K. billi ***l-petizzjonanti għandhom interess leġittimu li jinżammu infurmati dwar il-progress*** tal-petizzjonijiet ***tagħhom; billi l-għoti ta' informazzjoni dwar id-diversi stadji*** tal-proċedura u dwar l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-istituzzjonijiet ***tal-Unjoni Ewropea jista' jikkontribwixxi għal aktar trasparenza u prevedibbiltà fil-proċess tal-petizzjonijiet***;

Or. sk

Emenda 27
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi ***l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jissottolinja l-importanza li jkun hemm trasparenza akbar*** fit-trattament tal-petizzjonijiet, ***inkluż feedback sistematiku*** lill-petizzjonanti ***fl-istadji fundamentali tal-proċedura u informazzjoni aktar ċara dwar l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-istituzzjonijiet tal-UE***;	K. billi ***t-trasparenza*** fit-trattament tal-petizzjonijiet, ***inkluża informazzjoni f'waqtha u ċara*** lill-petizzjonanti ***dwar l-eżitu u s-segwitu tal-petizzjonijiet tagħhom tikkontribwixxi għall-fiduċja taċ-ċittadini fil-proċedura tal-petizzjonijiet***;

Or. en

Emenda 28
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet huma bbażati fuq il-kontribut tal-petizzjonanti u l-informazzjoni pprovduta minnhom; billi l-petizzjonijiet ***spiss*** jipprovdu evidenza siewja dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-UE u jistgħu jikkontribwixxu għall-ħidma leġiżlattiva u ta' skrutinju tal-Parlament;	L. billi l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet huma bbażati fuq il-kontribut tal-petizzjonanti u l-informazzjoni pprovduta minnhom; billi l-petizzjonijiet ***jistgħu*** jipprovdu evidenza siewja dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-UE u jistgħu jikkontribwixxu għall-ħidma leġiżlattiva u ta' skrutinju tal-Parlament;

Or. en

Emenda 29
Michał Kobosko, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi l-kwistjonijiet rikorrenti identifikati permezz tal-petizzjonijiet jikkostitwixxu sors importanti ta' evidenza dwar l-implimentazzjoni prattika tad-dritt tal-Unjoni u għandhom jikkontribwixxu għall-iskrutinju leġiżlattiv, ir-rapporti ta' implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Parlament;

Or. en

Emenda 30
Alvise Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi d-dritt ta' petizzjoni jsaħħaħ il-kapaċità ta' rispons tal-Parlament għall-ilmenti u t-tħassib relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-UE u l-konformità mad-dritt tal-UE fl-Istati Membri; billi l-petizzjonijiet jikkostitwixxu sors importanti ta' informazzjoni rigward ksur possibbli jew applikazzjoni ħażina tad-dritt tal-UE fl-Istati Membri u jippermettu lill-Parlament u lil istituzzjonijiet oħra jivvalutaw l-implimentazzjoni u l-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-UE;	M. billi d-dritt ta' petizzjoni jsaħħaħ il-kapaċità ta' rispons tal-Parlament għall-ilmenti u t-tħassib relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-UE u l-konformità mad-dritt tal-UE fl-Istati Membri; billi l-petizzjonijiet jikkostitwixxu sors importanti ta' informazzjoni rigward ksur possibbli jew applikazzjoni ħażina tad-dritt tal-UE fl-Istati Membri u jippermettu lill-Parlament u lil istituzzjonijiet oħra jivvalutaw l-implimentazzjoni u l-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-UE; ***huwa tal-fehma li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-petizzjonijiet dwar l-istat tad-dritt, l-indipendenza ġudizzjarja, il-libertà tal-espressjoni, il-protezzjoni tal-informaturi, il-korruzzjoni u l-użu partiġġjan tal-istituzzjonijiet pubbliċi, peress li jikkonċernaw il-fiduċja bażika taċ-ċittadini fl-UE u fl-Istati Membri;***

Or. es

Emenda 31

Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi d-dritt ta' petizzjoni jsaħħaħ il-kapaċità ta' rispons tal-Parlament għall-ilmenti u t-tħassib relatati ***mar-rispett*** tad-drittijiet fundamentali tal-UE u l-konformità mad-dritt tal-UE fl-Istati Membri; billi l-petizzjonijiet jikkostitwixxu sors importanti ta' informazzjoni rigward ksur possibbli ***jew*** applikazzjoni ***ħażina*** tad-dritt tal-UE fl-Istati Membri u jippermettu lill-Parlament u lil istituzzjonijiet oħra jivvalutaw l-implimentazzjoni u l-impatt tal-leġiżlazzjoni ***tal-UE***;	M. billi d-dritt ta' petizzjoni jsaħħaħ il-kapaċità ta' rispons tal-Parlament għall-ilmenti u t-tħassib relatati ***mal-applikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni, inkluż ir-rispett*** tad-drittijiet fundamentali tal-UE u l-konformità mad-dritt tal-UE fl-Istati Membri; billi l-petizzjonijiet jikkostitwixxu sors importanti ta' informazzjoni rigward ksur possibbli***,*** applikazzjoni ***skorretta jew implimentazzjoni ineffettiva*** tad-dritt tal-UE fl-Istati Membri u jippermettu lill-Parlament u lil istituzzjonijiet oħra ***tal-Unjoni*** jivvalutaw l-implimentazzjoni***, l-effettività*** u l-impatt tal-leġiżlazzjoni ***tal-Unjoni, u b'hekk jikkontribwixxu għat-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-applikazzjoni tajba tad-dritt tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 32
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. ***billi kull petizzjoni tiġi kkunsidrata u eżaminata bir-reqqa, b'mod effiċjenti u trasparenti;*** billi l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jirċievu tweġiba li tinfurmahom bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-kumitat fi żmien raġonevoli u bil-lingwa tagħhom stess jew bil-lingwa użata fil-petizzjoni;	N. billi l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jirċievu tweġiba li tinfurmahom bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-kumitat fi żmien raġonevoli u bil-lingwa tagħhom stess jew bil-lingwa użata fil-petizzjoni;

Or. en

Emenda 33
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi kull petizzjoni tiġi kkunsidrata u eżaminata ***bir-reqqa, b'mod effiċjenti u trasparenti***; billi l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jirċievu tweġiba li tinfurmahom bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu ***meħuda*** mill-kumitat fi żmien raġonevoli u bil-lingwa tagħhom stess jew bil-lingwa ***użata fil-petizzjoni***;	N. billi kull petizzjoni tiġi kkunsidrata u eżaminata ***skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew***; billi l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jirċievu tweġiba li tinfurmahom bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u ***dwar*** l-azzjonijiet ta' segwitu ***adottati*** mill-kumitat fi żmien raġonevoli u bil-lingwa tagħhom stess jew bil-lingwa ***li l-petizzjoni tkun ġiet sottomessa biha***;

Or. sk

Emenda 34
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi kull petizzjoni tiġi kkunsidrata u eżaminata bir-reqqa, b'mod effiċjenti u trasparenti; billi l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jirċievu tweġiba li tinfurmahom bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-kumitat fi żmien raġonevoli u bil-lingwa tagħhom stess jew bil-lingwa użata fil-petizzjoni;	N. billi kull petizzjoni ***għandha*** tiġi kkunsidrata u eżaminata bir-reqqa, b'mod effiċjenti u trasparenti; billi l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jirċievu tweġiba li tinfurmahom bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-kumitat fi żmien raġonevoli u bil-lingwa tagħhom stess jew bil-lingwa użata fil-petizzjoni;

Or. en

Emenda 35
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi kull petizzjoni tiġi kkunsidrata u eżaminata bir-reqqa, b'mod effiċjenti u trasparenti; billi l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jirċievu tweġiba li tinfurmahom bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-kumitat fi żmien raġonevoli u ***bil-lingwa tagħhom stess jew bil-lingwa użata fil-petizzjoni***;	N. billi kull petizzjoni tiġi kkunsidrata u eżaminata bir-reqqa, b'mod effiċjenti u trasparenti; billi l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jirċievu tweġiba li tinfurmahom bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-kumitat fi żmien raġonevoli u ***b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***;

Or. en

Emenda 36
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi l-Artikolu 220 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jipprevedi li meta ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, il-koordinaturi tal-kumitati jistgħu jaġixxu biss b'maġġoranza li tirrappreżenta b'mod ċar maġġoranza kbira tal-kumitat, filwaqt li jitqiesu l-punti b'saħħithom rispettivi tad-diversi gruppi politiċi; billi ***l-maġġoranza l-kbira tad-deċiżjonijiet fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet jittieħdu mill-koordinaturi tal-kumitat, jew fil-laqgħat tagħhom jew permezz ta' proċedura bil-miktub; billi*** l-Artikolu 220 ***tar-regoli ta' proċedura*** jistipula wkoll li d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha mill-koordinaturi tal-kumitati jitqiesu adottati sakemm ma jiġux ikkontestati, f'liema każ il-kwistjoni tiġi riferuta lill-kumitat għal deċiżjoni b'maġġoranza sempliċi; billi ***tali kontestazzjonijiet iseħħu biss b'mod rari***;	O. billi l-Artikolu 220 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jipprevedi li meta ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, il-koordinaturi tal-kumitati jistgħu jaġixxu biss b'maġġoranza li tirrappreżenta b'mod ċar maġġoranza kbira tal-kumitat, filwaqt li jitqiesu l-punti b'saħħithom rispettivi tad-diversi gruppi politiċi; billi l-Artikolu 220 jistipula wkoll li d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha mill-koordinaturi tal-kumitati jitqiesu adottati sakemm ma jiġux ikkontestati, f'liema każ il-kwistjoni tiġi riferuta lill-kumitat għal deċiżjoni b'maġġoranza sempliċi; billi ***l-interpretazzjoni tal-Artikolu 220 mogħtija mill-Kumitat AFCO tiżgura li l-qafas tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-kumitat ma jwassalx għal imblokk proċedurali, u b'hekk tiżgura l-funzjonament effettiv tal-kumitat, iċ-ċertezza tad-dritt fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu u r-rispett sħiħ għall-pluraliżmu politiku***;

Or. en

Emenda 37
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi ***l-Artikolu 220 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jipprevedi li*** meta ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, il-koordinaturi tal-kumitati jistgħu jaġixxu biss b'maġġoranza ***li tirrappreżenta b'mod ċar maġġoranza kbira tal-kumitat,*** filwaqt li jitqiesu l-punti b'saħħithom rispettivi tad-diversi gruppi politiċi; billi l-maġġoranza l-kbira tad-deċiżjonijiet fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet jittieħdu mill-koordinaturi tal-kumitat, jew fil-laqgħat tagħhom jew permezz ta' proċedura bil-miktub; billi l-Artikolu 220 ***tar-regoli ta' proċedura*** jistipula wkoll li d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha mill-koordinaturi tal-kumitati jitqiesu adottati sakemm ma jiġux ikkontestati, f'liema każ il-kwistjoni tiġi riferuta lill-kumitat għal deċiżjoni b'maġġoranza sempliċi; billi tali kontestazzjonijiet iseħħu biss b'mod rari;	O. billi meta ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, il-koordinaturi tal-kumitati jistgħu jaġixxu biss b'maġġoranza filwaqt li jitqiesu l-punti b'saħħithom rispettivi tad-diversi gruppi politiċi; billi l-maġġoranza l-kbira tad-deċiżjonijiet fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet jittieħdu mill-koordinaturi tal-kumitat, jew fil-laqgħat tagħhom jew permezz ta' proċedura bil-miktub; billi l-Artikolu 220 jistipula wkoll li d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha mill-koordinaturi tal-kumitati jitqiesu adottati sakemm ma jiġux ikkontestati, f'liema każ il-kwistjoni tiġi riferuta lill-kumitat għal deċiżjoni b'maġġoranza sempliċi; billi tali kontestazzjonijiet iseħħu biss b'mod rari;

Or. en

Emenda 38
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi l-Artikolu 220 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jipprevedi li meta ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, il-koordinaturi tal-kumitati jistgħu jaġixxu biss b'maġġoranza li tirrappreżenta b'mod	O. billi l-Artikolu 220 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jipprevedi li meta ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, il-koordinaturi tal-kumitati jistgħu jaġixxu biss b'maġġoranza li tirrappreżenta b'mod

ċar maġġoranza kbira tal-kumitat, filwaqt li jitqiesu l-punti b'saħħithom rispettivi tad-diversi gruppi politiċi; billi l-maġġoranza l-kbira tad-deċiżjonijiet fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet jittieħdu mill-koordinaturi tal-kumitat, jew fil-laqgħat tagħhom jew permezz ta' proċedura bil-miktub; billi l-Artikolu 220 ***tar-regoli ta' proċedura*** jistipula wkoll li d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha mill-koordinaturi tal-kumitati jitqiesu adottati sakemm ma jiġux ikkontestati, f'liema każ il-kwistjoni tiġi riferuta lill-kumitat għal deċiżjoni b'maġġoranza sempliċi; ***billi tali kontestazzjonijiet iseħħu biss b'mod rari;***	ċar maġġoranza kbira tal-kumitat, filwaqt li jitqiesu l-punti b'saħħithom rispettivi tad-diversi gruppi politiċi; billi l-maġġoranza l-kbira tad-deċiżjonijiet fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet jittieħdu mill-koordinaturi tal-kumitat, jew fil-laqgħat tagħhom jew permezz ta' proċedura bil-miktub; billi l-Artikolu 220 jistipula wkoll li d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha mill-koordinaturi tal-kumitati jitqiesu adottati sakemm ma jiġux ikkontestati, f'liema każ il-kwistjoni tiġi riferuta lill-kumitat għal deċiżjoni b'maġġoranza sempliċi;
	Or. en

Emenda 39
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jagħti l-aktar importanza lill-eżami u lid-diskussjoni pubblika tal-petizzjonijiet waqt il-laqgħat tiegħu; billi l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jippreżentaw il-petizzjonijiet tagħhom, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod attiv għad-dibattitu; billi fl-2025, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza għaxar laqgħat tal-kumitat, li fihom ġew diskussi 145 petizzjoni ma' 97 petizzjonant preżenti li pparteċipaw b'mod attiv billi tkellmu fil-laqgħa;	P. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jagħti l-aktar importanza lill-eżami u lid-diskussjoni pubblika tal-petizzjonijiet waqt il-laqgħat tiegħu; billi l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jippreżentaw il-petizzjonijiet tagħhom, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod attiv għad-dibattitu; billi fl-2025, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza għaxar laqgħat tal-kumitat, li fihom ġew diskussi 145 petizzjoni ma' 97 petizzjonant preżenti li pparteċipaw b'mod attiv billi tkellmu fil-laqgħa; ***billi r-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar għall-petizzjonanti għadu estremament rari u huwa soġġett għal proċeduri burokratiċi kumplessi u ta' piż, li jistgħu jfixklu l-aċċess ugwali għall-parteċipazzjoni;***
	Or. en

Emenda 40
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrimarka li l-petizzjonijiet jikkostitwixxu opportunità unika għall-Parlament u għal istituzzjonijiet oħra tal-UE biex jingħaqdu b'mod dirett maċ-ċittadini tal-UE u jżommu djalogu regolari magħhom, b'mod partikolari f'każijiet fejn ikunu affettwati mill-applikazzjoni ħażina jew mill-ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali dwar l-inkjesti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u l-konformità miegħu; jemmen li tali kooperazzjoni hija kruċjali biex jiġi indirizzat u ***solvut*** it-tħassib taċ-ċittadini dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u li hija tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-leġittimità demokratika u tal-obbligu ta' rendikont tal-UE; ifakkar fil-linji gwida tal-kumitat, li jistipulaw li l-Istat Membru kkonċernat fil-petizzjoni jiġi nnotifikat minn qabel u huwa mħeġġeġ jattendi l-laqgħa tal-kumitat u jagħmel dikjarazzjoni; jappella, għalhekk, ***għall-parteċipazzjoni*** sinifikattiva tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-laqgħat tal-kumitat u għal risponsi f'waqthom u dettaljati għat-talbiet biex tingħata kjarifika jew informazzjoni mibgħuta mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jiġi żgurat segwitu xieraq tal-petizzjonijiet;	6. Jirrimarka li l-petizzjonijiet jikkostitwixxu opportunità unika għall-Parlament u għal istituzzjonijiet oħra tal-UE biex jingħaqdu b'mod dirett maċ-ċittadini tal-UE u jżommu djalogu regolari magħhom, b'mod partikolari f'każijiet fejn ikunu affettwati mill-applikazzjoni ħażina jew mill-ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali dwar l-inkjesti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u l-konformità miegħu; jemmen li tali kooperazzjoni ***u risponsi xierqa għat-talbiet magħmula mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet*** hija kruċjali biex jiġi indirizzat u ***segwit*** it-tħassib taċ-ċittadini dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u li hija tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-leġittimità demokratika u tal-obbligu ta' rendikont tal-UE; ifakkar fil-linji gwida tal-kumitat, li jistipulaw li l-Istat Membru kkonċernat fil-petizzjoni jiġi nnotifikat minn qabel u huwa mħeġġeġ jattendi l-laqgħa tal-kumitat u jagħmel dikjarazzjoni; jappella, għalhekk, ***għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha, fuq bażi rikorrenti u b'mod kostruttiv mill-awtoritajiet kompetenti, u l-parteċipazzjoni*** sinifikattiva tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-laqgħat tal-kumitat u għal risponsi f'waqthom u dettaljati għat-talbiet biex tingħata kjarifika jew informazzjoni mibgħuta mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jiġi żgurat segwitu xieraq tal-petizzjonijiet;

Or. es

Emenda 105

Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jiddeplora bil-qawwa r-rifjut tal-Ministru Spanjol għall-Affarijiet Interni li jidher quddiem il-Kumitat għall-Petizzjonijiet biex jispjega l-miżuri meħuda mill-Gvern Spanjol biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet adottati wara ż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni tal-Kumitat f'Barbate dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fi Spanja.

Or. en

Emenda 106
Alvise Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Ifakkar li l-petizzjonijiet jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-eżerċizzju tar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati billi jipprovdu liċ-ċittadini għodda addizzjonali biex jirrapportaw allegat ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq li l-kooperazzjoni kostruttiva bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni permezz ta' tweġibiet f'waqthom u dettaljati mill-Kummissjoni, li jkunu bbażati fuq eżami bir-reqqa tal-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet, hija essenzjali biex jiġi żgurat it-trattament b'suċċess tal-petizzjonijiet; jappella għal sforzi kontinwi biex jittejbu l-kwalità, iċ-ċarezza u l-aċċessibbiltà tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-petizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-leġġibbiltà, ir-rilevanza u l-aċċessibbiltà għaċ-ċittadini;	7. Ifakkar li l-petizzjonijiet jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-eżerċizzju tar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati billi jipprovdu liċ-ċittadini għodda addizzjonali biex jirrapportaw allegat ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq li l-kooperazzjoni kostruttiva bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni permezz ta' tweġibiet f'waqthom u dettaljati mill-Kummissjoni, li jkunu bbażati fuq eżami bir-reqqa tal-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet, hija essenzjali biex jiġi żgurat it-trattament b'suċċess tal-petizzjonijiet; jappella għal sforzi kontinwi biex jittejbu l-kwalità, iċ-ċarezza u l-aċċessibbiltà tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-petizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-leġġibbiltà, ir-rilevanza u l-aċċessibbiltà għaċ-ċittadini; ***jistieden lill-Kummissjoni tagħti***

attenzjoni partikolari lill-petizzjonijiet li jistgħu jiżvelaw nuqqasijiet ripetuti fl-oqsma tal-istat tad-dritt, l-indipendenza ġudizzjarja, l-isforzi biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni, il-protezzjoni tal-informaturi, il-libertà tal-informazzjoni, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni;

Or. es

Emenda 107
Michał Kobosko, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Ifakkar li l-petizzjonijiet jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-eżerċizzju tar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati billi jipprovdu liċ-ċittadini għodda addizzjonali biex jirrapportaw allegat ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq li l-kooperazzjoni kostruttiva bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni permezz ta' tweġibiet f'waqthom u dettaljati mill-Kummissjoni, li jkunu bbażati fuq eżami bir-reqqa tal-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet, hija essenzjali biex jiġi żgurat it-trattament b'suċċess tal-petizzjonijiet; jappella għal sforzi kontinwi biex jittejbu l-kwalità, iċ-ċarezza u ***l-aċċessibbiltà tat-tweġibiet*** tal-Kummissjoni għall-petizzjonijiet, ***b'mod partikolari fir-rigward tal-leġġibbiltà, ir-rilevanza u l-aċċessibbiltà għaċ-ċittadini***;	7. Ifakkar li l-petizzjonijiet jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-eżerċizzju tar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati billi jipprovdu liċ-ċittadini għodda addizzjonali biex jirrapportaw allegat ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq li l-kooperazzjoni kostruttiva bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni permezz ta' tweġibiet f'waqthom u dettaljati mill-Kummissjoni, li jkunu bbażati fuq eżami bir-reqqa tal-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet, hija essenzjali biex jiġi żgurat it-trattament b'suċċess tal-petizzjonijiet; jappella għal sforzi kontinwi biex jittejbu l-kwalità, iċ-ċarezza u ***s-siwi tar-risposti*** tal-Kummissjoni għall-petizzjonijiet***; iqis li t-tweġibiet għandhom***, ***kull fejn ikun possibbli, jiddistingwu b'mod ċar bejn valutazzjoni legali u kunsiderazzjonijiet ta' politika, jindikaw kwalunkwe azzjoni ta' infurzar li tkun qed issir jew li tkun ippjanata fejn xieraq, jispjegaw ir-raġunijiet fejn ma tkun prevista l-ebda azzjoni ulterjuri, u jipprovdu lill-petizzjonanti b'indikazzjoni tal-passi proċedurali possibbli li jmiss u l-iskedi ta' żmien rilevanti***;

Or. en

Emenda 108
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Ifakkar li l-petizzjonijiet jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-eżerċizzju tar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati billi jipprovdu liċ-ċittadini għodda addizzjonali biex jirrapportaw allegat ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq li l-kooperazzjoni kostruttiva bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni permezz ta' tweġibiet f'waqthom u dettaljati mill-Kummissjoni, li jkunu bbażati fuq eżami bir-reqqa tal-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet, hija essenzjali biex jiġi żgurat it-trattament b'suċċess tal-petizzjonijiet; jappella għal sforzi kontinwi biex ***jittejbu l-kwalità, iċ-ċarezza u l-aċċessibbiltà*** tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-petizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-leġġibbiltà, ir-rilevanza u l-aċċessibbiltà għaċ-ċittadini;	7. Ifakkar li l-petizzjonijiet jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-eżerċizzju tar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati billi jipprovdu liċ-ċittadini għodda addizzjonali biex jirrapportaw allegat ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq li l-kooperazzjoni kostruttiva bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni permezz ta' tweġibiet f'waqthom u dettaljati mill-Kummissjoni, li jkunu bbażati fuq eżami bir-reqqa tal-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet, hija essenzjali biex jiġi żgurat it-trattament b'suċċess tal-petizzjonijiet; jappella għal sforzi kontinwi biex ***tittejjeb it-tempestività*** tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-petizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-leġġibbiltà, ir-rilevanza u l-aċċessibbiltà għaċ-ċittadini; ***jinnota li, filwaqt li l-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni huma ggwidati minn perspettiva istituzzjonali bbażata fuq il-liġi, xi drabi dan jista' joħloq distanza perċepita mit-tħassib taċ-ċittadini; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tnaqqas dan id-distakk permezz ta' komunikazzjoni aktar ċara u aktar orjentata lejn iċ-ċittadini;***

Or. en

Emenda 109
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

7. Ifakkar li l-petizzjonijiet jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-eżerċizzju tar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati billi jipprovdu liċ-ċittadini għodda addizzjonali biex jirrapportaw allegat ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq li l-kooperazzjoni kostruttiva bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni permezz ta' tweġibiet f'waqthom u dettaljati mill-Kummissjoni, li jkunu bbażati fuq eżami bir-reqqa tal-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet, hija essenzjali biex jiġi żgurat it-trattament b'suċċess tal-petizzjonijiet; jappella għal sforzi kontinwi biex jittejbu l-kwalità, iċ-ċarezza u l-aċċessibbiltà tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-petizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-leġġibbiltà, ir-rilevanza u l-aċċessibbiltà għaċ-ċittadini;	7. Ifakkar li l-petizzjonijiet jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-eżerċizzju tar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati billi jipprovdu liċ-ċittadini għodda addizzjonali biex jirrapportaw allegat ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq li l-kooperazzjoni kostruttiva bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni permezz ta' tweġibiet f'waqthom u dettaljati mill-Kummissjoni, li jkunu bbażati fuq eżami bir-reqqa tal-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet, hija essenzjali biex jiġi żgurat it-trattament b'suċċess tal-petizzjonijiet; jappella għal sforzi kontinwi biex jittejbu l-kwalità, iċ-ċarezza u l-aċċessibbiltà tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-petizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-leġġibbiltà, ir-rilevanza u l-aċċessibbiltà għaċ-ċittadini; ***jiddispjaċih li r-risposti tal-Kummissjoni spiss ikunu ġeneriċi żżejjed, jittardjaw u jonqsu milli jipprovdu lill-petizzjonanti b'konklużjonijiet legali ċari.***
	Or. en

Emenda 110
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Ifakkar li l-petizzjonijiet jikkontribwixxu ***b'mod konsiderevoli għall-eżerċizzju tar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati*** billi ***jipprovdu*** liċ-ċittadini ***għodda addizzjonali biex jirrapportaw allegat ksur*** tad-dritt tal-UE; jisħaq ***li l-kooperazzjoni kostruttiva*** bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni ***permezz ta' tweġibiet f'waqthom u dettaljati mill-Kummissjoni, li jkunu bbażati fuq eżami bir-reqqa tal-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet, hija essenzjali biex jiġi żgurat it-trattament b'suċċess*** tal-petizzjonijiet;	7. Ifakkar li l-petizzjonijiet jikkontribwixxu ***għall-identifikazzjoni ta' problemi fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea*** billi ***jippermettu*** liċ-ċittadini ***jiġbdu l-attenzjoni għall-ksur possibbli*** tad-dritt tal-UE; jisħaq ***fuq l-importanza tal-kooperazzjoni*** bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni ***fl-ipproċessar*** tal-petizzjonijiet ***u fl-għoti ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet imqajma mill-petizzjonanti***; jappella għal sforzi kontinwi biex jittejbu ***ċ-ċarezza, l-aċċessibbilta u l-faċilità tal-użu tar-***

jappella għal sforzi kontinwi biex jittejbu ***l-kwalità, iċ-ċarezza u l-aċċessibbiltà tat-tweġibiet*** tal-Kummissjoni għall-petizzjonijiet***, b'mod partikolari fir-rigward tal-leġġibbiltà, ir-rilevanza u l-aċċessibbiltà għaċ-ċittadini***;	***risposti*** tal-Kummissjoni għall-petizzjonijiet;

Or. sk

Emenda 111
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Ifakkar li l-petizzjonijiet jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-eżerċizzju tar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati billi jipprovdu liċ-ċittadini għodda addizzjonali biex jirrapportaw allegat ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq li l-kooperazzjoni kostruttiva bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni permezz ta' tweġibiet f'waqthom u dettaljati mill-Kummissjoni, li ***jkunu*** bbażati fuq eżami bir-reqqa tal-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet, hija essenzjali biex jiġi żgurat it-trattament b'suċċess tal-petizzjonijiet; jappella għal sforzi kontinwi biex jittejbu l-kwalità, iċ-ċarezza u l-aċċessibbiltà tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-petizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-leġġibbiltà, ir-rilevanza u l-aċċessibbiltà għaċ-ċittadini;	7. Ifakkar li l-petizzjonijiet jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-eżerċizzju tar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati billi jipprovdu liċ-ċittadini għodda addizzjonali biex jirrapportaw allegat ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq li l-kooperazzjoni kostruttiva bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni permezz ta' tweġibiet f'waqthom u dettaljati mill-Kummissjoni, li ***għandhom ikunu*** bbażati fuq eżami bir-reqqa ***u ġust*** tal-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet, hija essenzjali biex jiġi żgurat it-trattament b'suċċess tal-petizzjonijiet; jappella għal sforzi kontinwi biex jittejbu l-kwalità, iċ-ċarezza u l-aċċessibbiltà tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-petizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-leġġibbiltà, ir-rilevanza u l-aċċessibbiltà għaċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 112
Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet, permezz tal-eżami tiegħu ta' petizzjonijiet individwali, jiżvolġi rwol essenzjali fil-verifika ta' jekk il-leġiżlazzjoni tal-UE hijiex implimentata b'mod korrett u proporzjonat fl-Istati Membri; jissottolinja li l-petizzjonijiet spiss jiżvelaw il-konsegwenzi mhux intenzjonati tar-regolamentazzjoni tal-UE fuq iċ-ċittadini, in-negozji u l-komunitajiet lokali; jenfasizza t-tħassib relatat mal-kompetizzjoni inġusta u l-protezzjoni u l-garanziji insuffiċjenti għas-swieq nazzjonali, b'mod partikolari fis-settur primarju; jistieden lill-Kummissjoni tieħu bis-serjetà t-tħassib espress mill-petizzjonanti dwar l-impatt prattiku tal-leġiżlazzjoni tal-UE u tinvolvi ruħha fi djalogu ġenwin mal-partijiet ikkonċernati kollha;
	Or. en

Emenda 113
Michał Kobosko, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet, fejn xieraq, jinfurmaw lill-petizzjonanti meta kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet ikunu kkontribwew għal skrutinju leġiżlattiv, proċeduri ta' ksur, inizjattivi ta' politika jew azzjoni istituzzjonali oħra, u b'hekk isaħħu l-fiduċja taċ-ċittadini fil-proċess tal-petizzjonijiet.
	Or. en

Emenda 114
Alvise Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni rigward il-proċeduri ta' ksur u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; itenni l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur u li l-petizzjonanti jingħataw informazzjoni ċara dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri relatati mal-petizzjonijiet tagħhom; jilqa' t-titjib fl-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fir-reġistru pubbliku online tagħha ta' deċiżjonijiet ta' ksur, kif ukoll l-isforzi li saru biex tittejjeb l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru pubbliku tagħha u l-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament;	8. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni rigward il-proċeduri ta' ksur u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; itenni l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur u li l-petizzjonanti jingħataw informazzjoni ċara dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri relatati mal-petizzjonijiet tagħhom; jilqa' t-titjib fl-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fir-reġistru pubbliku online tagħha ta' deċiżjonijiet ta' ksur, kif ukoll l-isforzi li saru biex tittejjeb l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru pubbliku tagħha u l-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament; ***iqis li l-petizzjonijiet li jikkonċernaw ksur persistenti tad-dritt tal-UE ma għandhomx jibqgħu b'mod indefinit fil-marġni ta' proċedura ta' ksur formali, u jistieden lill-Kummissjoni tispjega b'mod ċar lill-petizzjonanti meta tiddeċiedi li ma tiftaħx proċedura ta' ksur minkejja sinjali ta' ksur ripetuti;***

Or. es

Emenda 115
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni rigward il-proċeduri ta' ksur u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; itenni l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur u li l-petizzjonanti jingħataw informazzjoni ċara dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri	8. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni rigward il-proċeduri ta' ksur u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; itenni l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur u li l-petizzjonanti jingħataw informazzjoni ċara dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri

relatati mal-petizzjonijiet tagħhom; jilqa' t-titjib fl-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fir-reġistru pubbliku online tagħha ta' deċiżjonijiet ta' ksur, kif ukoll l-isforzi li saru biex tittejjeb l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru pubbliku tagħha u l-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament;	relatati mal-petizzjonijiet tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni tħaffef ir-riżoluzzjoni tal-proċeduri pendenti u tinkorpora l-informazzjoni miġbura mill-petizzjonijiet taċ-ċittadini b'mod aktar sistematiku fid-deċiżjonijiet dwar jekk għandhomx jitnedew jew jitkomplew il-proċeduri;*** jilqa' t-titjib fl-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fir-reġistru pubbliku online tagħha ta' deċiżjonijiet ta' ksur, kif ukoll l-isforzi li saru biex tittejjeb l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru pubbliku tagħha u l-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament;

Or. pl

Emenda 116
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni rigward il-proċeduri ta' ksur u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; itenni l-importanza ***tat-trasparenza fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur u*** li l-petizzjonanti jingħataw informazzjoni ċara dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri relatati mal-petizzjonijiet tagħhom; jilqa' t-titjib fl-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fir-reġistru pubbliku online tagħha ta' deċiżjonijiet ta' ksur, kif ukoll l-isforzi li saru biex tittejjeb l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru pubbliku tagħha u l-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament;	8. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni rigward il-proċeduri ta' ksur u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; itenni l-importanza ***ta' trasparenza sħiħa u aċċess pubbliku sħiħ għad-dokumenti li jirrigwardaw l-EU Pilot u l-proċeduri ta' ksur kif ukoll*** li l-petizzjonanti jingħataw informazzjoni ċara dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri relatati mal-petizzjonijiet tagħhom***; iqis li huwa kruċjali li jitnaqqas drastikament iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni biex tiddifferixxi l-każijiet ta' ksur quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE***; jilqa' t-titjib fl-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fir-reġistru pubbliku online tagħha ta' deċiżjonijiet ta' ksur, kif ukoll l-isforzi li saru biex tittejjeb l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru pubbliku tagħha u l-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament;

Or. en

Emenda 117
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni rigward il-proċeduri ta' ksur u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; itenni l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur u li l-petizzjonanti jingħataw informazzjoni ċara dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri relatati mal-petizzjonijiet tagħhom; jilqa' t-titjib fl-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fir-reġistru pubbliku online tagħha ta' deċiżjonijiet ta' ksur, kif ukoll l-isforzi li saru biex tittejjeb l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru pubbliku tagħha u l-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament;	8. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni rigward il-proċeduri ta' ksur u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; itenni l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur u li l-petizzjonanti jingħataw informazzjoni ċara dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri relatati mal-petizzjonijiet tagħhom; jilqa' t-titjib fl-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fir-reġistru pubbliku online tagħha ta' deċiżjonijiet ta' ksur, kif ukoll l-isforzi li saru biex tittejjeb l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru pubbliku tagħha u l-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament; ***jenfasizza li dewmien bla bżonn fil-proċeduri ta' ksur jista' jikkomprommetti l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet taċ-ċittadini u l-fiduċja pubblika fl-infurzar tad-dritt tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 118
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jilqa' l-kooperazzjoni*** kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni rigward il-proċeduri ta' ksur u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; itenni l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur u li l-petizzjonanti jingħataw informazzjoni ċara	8. ***Jieħu nota tal-kooperazzjoni*** kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni rigward il-proċeduri ta' ksur u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; itenni l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur u li l-petizzjonanti jingħataw

dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri relatati mal-petizzjonijiet tagħhom; jilqa' t-titjib fl-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fir-reġistru pubbliku online tagħha ta' deċiżjonijiet ta' ksur, kif ukoll l-isforzi li saru biex tittejjeb l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru pubbliku tagħha u l-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament;	informazzjoni ċara dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri relatati mal-petizzjonijiet tagħhom; ***jisħaq li t-trasparenza trid tinkludi informazzjoni ċara dwar ir-raġunijiet għalfejn il-proċeduri ta' ksur jiddewmu jew jingħalqu;*** jilqa' t-titjib fl-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fir-reġistru pubbliku online tagħha ta' deċiżjonijiet ta' ksur, kif ukoll l-isforzi li saru biex tittejjeb l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru pubbliku tagħha u l-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament;
	Or. en

Emenda 119
Michał Kobosko, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni rigward il-proċeduri ta' ksur u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; itenni l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur ***u li l-petizzjonanti*** jingħataw informazzjoni ċara dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri relatati mal-petizzjonijiet tagħhom; jilqa' t-titjib fl-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fir-reġistru pubbliku online tagħha ta' deċiżjonijiet ta' ksur, kif ukoll l-isforzi li saru biex tittejjeb l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru pubbliku tagħha u l-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament;	8. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni rigward il-proċeduri ta' ksur u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; itenni l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur***; filwaqt li tiġi rispettata l-kunfidenzjalità meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-investigazzjonijiet biex il-petizzjonanti*** jingħataw informazzjoni ċara dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri relatati mal-petizzjonijiet tagħhom; jilqa' t-titjib fl-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fir-reġistru pubbliku online tagħha ta' deċiżjonijiet ta' ksur, kif ukoll l-isforzi li saru biex tittejjeb l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru pubbliku tagħha u l-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament;
	Or. en

Emenda 120
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jilqa' l-kooperazzjoni*** kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni rigward il-proċeduri ta' ksur u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; itenni l-importanza ***tat-trasparenza fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur u*** li l-petizzjonanti jingħataw informazzjoni ċara dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri relatati ***mal-petizzjonijiet*** tagħhom; ***jilqa' t-titjib fl-inizjattiva*** tal-Kummissjoni ***li tinkludi petizzjonijiet fir-reġistru*** pubbliku online ***tagħha*** ta' deċiżjonijiet ta' ksur, kif ukoll l-isforzi li saru biex tittejjeb l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru ***pubbliku tagħha*** u l-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament;	8. ***Jieħu nota tal-kooperazzjoni*** kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni rigward il-proċeduri ta' ksur u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; itenni l-importanza li l-petizzjonanti jingħataw informazzjoni ċara dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri ***f'każ ta' nuqqas ta' twettiq tal-obbligi*** relatati ***mal-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet*** tagħhom; ***jieħu nota tal-miżuri*** tal-Kummissjoni ***bl-għan li torbot il-petizzjonijiet mar-reġistru*** pubbliku online ta' deċiżjonijiet ta' ksur, kif ukoll l-isforzi li saru biex tittejjeb l-interkonnessjoni bejn ***dan*** ir-reġistru u l-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament;

Or. sk

Emenda 121
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jenfasizza s-sejbiet ewlenin skont ir-Rapport Speċjali 28/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "L-infurzar tad-dritt tal-UE", ippreżentat fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li jikkonfermaw id-dewmien twil ħafna tal-Kummissjoni, anke bi ksur tal-parametri referenzjarji interni tagħha stess, in-nuqqas ta' ċarezza legali dwar il-kriterji ta' prijorità ewlenin tagħha u n-nuqqas serju ta' trasparenza tagħha fit-trattament tal-EU Pilot u tal-proċeduri ta' ksur; jinnota l-komunikazzjoni l-ġdida tal-Kummissjoni

dwar "Ġabra ta' Regoli tal-UE aktar sempliċi, aktar faċli u aħjar" li fiha l-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-progress u l-għeluq tal-proċeduri ta' ksur għal traspożizzjoni tardiva tad-dritt tal-UE sikwit jieħdu snin, filwaqt li l-każijiet li jinvolvu traspożizzjoni skorretta tad-direttivi u applikazzjoni ħażina tad-direttivi jew tar-regolamenti jieħdu saħansitra aktar żmien; jilqa', bħala l-ewwel pass fid-direzzjoni t-tajba, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tieħu approċċ aktar strett kontra l-Istati Membri fit-tipi kollha ta' proċeduri ta' ksur u li tnaqqas l-għadd ta' każijiet ta' ksur li ilhom jeżistu; jemmen, madankollu, li huma meħtieġa aktar sforzi biex jittejjeb l-approċċ strateġiku tal-Kummissjoni dwar l-infurzar tad-dritt tal-UE biex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa u f'waqtha tad-dritt tal-UE madwar l-Unjoni kif ukoll biex jiġi ggarantit aċċess pubbliku sħiħ għad-dokumenti u informazzjoni dettaljata dwar l-iskambji bejn is-servizzi tal-Kummissjoni tal-UE u l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-qafas tal-proċeduri ta' ksur u tal-EU Pilot;

Or. en

Emenda 122
Michał Kobosko, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Ifakkar li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet iwettaq mhux biss funzjoni ta' rimedju għaċ-ċittadini iżda wkoll funzjoni importanti ta' skrutinju parlamentari billi jidentifika nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 123
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jissottolinja l-eżitu produttiv tal-Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati (ICM) iffukata fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni għal infurzar f'waqtu u korrett tad-dritt tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-UE; iqis bħala important ferm l-aġġornament ta' inizjattivi simili billi jiġi stabbilit forum permanenti biex jiżdiedu l-isforzi kif ukoll biex jissaħħu t-trasparenza u l-kollaborazzjoni mal-kumitati parlamentari tal-Istati Membri biex jgħinu biex jissolvew il-każijiet ta' ksur u jiddefendu d-drittijiet taċ-ċittadini li jirriżultaw mid-dritt tal-UE fl-Unjoni kollha;

Or. en

Emenda 124
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar li l-bażi tad-data e-Petition u l-Portal tal-Petizzjonijiet jikkostitwixxu għodod essenzjali għat-trattament tal-petizzjonijiet u l-komunikazzjoni mal-petizzjonanti, li jippermettu lill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jaċċessaw l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex isegwu s-sitwazzjoni attwali ta' kull petizzjoni u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-trattament tal-petizzjonijiet; jilqa' l-modernizzazzjoni kontinwa tal-Portal tal-Petizzjonijiet fl-2025, inklużi miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-inklużività, l-aċċessibbiltà u l-	9. Ifakkar li l-bażi tad-data e-Petition u l-Portal tal-Petizzjonijiet jikkostitwixxu għodod essenzjali għat-trattament tal-petizzjonijiet u l-komunikazzjoni mal-petizzjonanti, li jippermettu lill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jaċċessaw l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex isegwu s-sitwazzjoni attwali ta' kull petizzjoni u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-trattament tal-petizzjonijiet; jilqa' l-modernizzazzjoni kontinwa tal-Portal tal-Petizzjonijiet fl-2025, inklużi miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-inklużività, l-aċċessibbiltà u l-

prestazzjoni teknika; jinnota l-introduzzjoni ta' għażliet newtrali għall-ġeneru u t-titjib tal-infrastruttura tal-pjattaforma;	prestazzjoni teknika; jinnota l-introduzzjoni ta' għażliet newtrali għall-ġeneru u t-titjib tal-infrastruttura tal-pjattaforma; ***jenfasizza l-ħtieġa li jittejbu l-perjodu ta' żmien u l-proċeduri tekniċi biex l-informazzjoni kollha relatata mal-petizzjonijiet ipproċessati u diskussi fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet issir pubblika permezz tal-proċedura ta' urġenza, kif ukoll fir-rigward tal-aġġornamenti tal-istatus tal-petizzjonijiet, peress li l-Portal tal-Petizzjonijiet huwa l-unika interfaċċa pubblika disponibbli għall-petizzjonanti kif ukoll għaċ-ċittadini u r-residenti tal-UE b'mod ġenerali;***

Or. en

Emenda 125
Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar li l-bażi tad-data e-Petition u l-Portal tal-Petizzjonijiet jikkostitwixxu għodod essenzjali għat-trattament tal-petizzjonijiet u l-komunikazzjoni mal-petizzjonanti, li jippermettu lill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jaċċessaw l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex isegwu s-sitwazzjoni attwali ta' kull petizzjoni u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-trattament tal-petizzjonijiet; jilqa' l-modernizzazzjoni kontinwa tal-Portal tal-Petizzjonijiet fl-2025, inklużi miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-inklużività, l-aċċessibbiltà u l-prestazzjoni teknika; jinnota ***l-introduzzjoni ta' għażliet newtrali għall-ġeneru u t-titjib tal-infrastruttura tal-pjattaforma***;	9. Ifakkar li l-bażi tad-data e-Petition u l-Portal tal-Petizzjonijiet jikkostitwixxu għodod essenzjali għat-trattament tal-petizzjonijiet u l-komunikazzjoni mal-petizzjonanti, li jippermettu lill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jaċċessaw l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex isegwu s-sitwazzjoni attwali ta' kull petizzjoni u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-trattament tal-petizzjonijiet; jilqa' l-modernizzazzjoni kontinwa tal-Portal tal-Petizzjonijiet fl-2025, inklużi miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-inklużività, l-aċċessibbiltà u l-prestazzjoni teknika; ***iqis li l-Portal Web għandu jiffoka fuq it-titjib tal-funzjonalitajiet ewlenin tiegħu, inklużi l-kapaċitajiet ta' tiftix, l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà u l-ħeffa tal-pubblikazzjoni;*** jinnota ***li kwalunkwe introduzzjoni ta' karatteristiċi ġodda għandha tiġi vvalutata għall-valur miżjud***

tagħhom għall-petizzjonanti u ma għandhiex tiddevja r-riżorsi mill-proċess ewlieni tal-petizzjonijiet;

Or. en

Emenda 126
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar li l-bażi tad-data e-Petition u l-Portal tal-Petizzjonijiet jikkostitwixxu għodod essenzjali għat-trattament tal-petizzjonijiet u l-komunikazzjoni mal-petizzjonanti, li jippermettu lill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jaċċessaw l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex isegwu s-sitwazzjoni attwali ta' kull petizzjoni u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-trattament tal-petizzjonijiet; ***jilqa' l-modernizzazzjoni*** kontinwa tal-Portal tal-Petizzjonijiet fl-2025, inklużi miżuri li għandhom l-għan li jtejbu ***l-inklużività, l-aċċessibbiltà*** u l-prestazzjoni ***teknika***; jinnota l-introduzzjoni ta' għażliet ***newtrali għall-ġeneru*** u t-titjib tal-infrastruttura tal-pjattaforma;	9. Ifakkar li l-bażi tad-data e-Petition u l-Portal tal-Petizzjonijiet jikkostitwixxu għodod essenzjali għat-trattament tal-petizzjonijiet u l-komunikazzjoni mal-petizzjonanti, li jippermettu lill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jaċċessaw l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex isegwu s-sitwazzjoni attwali ta' kull petizzjoni u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-trattament tal-petizzjonijiet; ***jieħu nota tal-modernizzazzjoni*** kontinwa tal-Portal tal-Petizzjonijiet fl-2025, inklużi miżuri li għandhom l-għan li jtejbu ***l-funzjonalità teknika, il-faċilità tal-użu*** u l-prestazzjoni ***tas-sistemi***; jinnota l-introduzzjoni ta' għażliet ***ġodda għall-utenti fil-forom*** u t-titjib tal-infrastruttura tal-pjattaforma;

Or. sk

Emenda 127
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar li l-bażi tad-data e-Petition u l-Portal tal-Petizzjonijiet jikkostitwixxu għodod essenzjali għat-trattament tal-	9. Ifakkar li l-bażi tad-data e-Petition u l-Portal tal-Petizzjonijiet jikkostitwixxu għodod essenzjali għat-trattament tal-

petizzjonijiet u l-komunikazzjoni mal-petizzjonanti, li jippermettu lill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jaċċessaw l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex isegwu s-sitwazzjoni attwali ta' kull petizzjoni u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-trattament tal-petizzjonijiet; jilqa' l-modernizzazzjoni kontinwa tal-Portal tal-Petizzjonijiet fl-2025, inklużi miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-inklużività, l-aċċessibbiltà u l-prestazzjoni teknika; jinnota ***l-introduzzjoni ta' għażliet newtrali għall-ġeneru u*** t-titjib tal-infrastruttura tal-pjattaforma;	petizzjonijiet u l-komunikazzjoni mal-petizzjonanti, li jippermettu lill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jaċċessaw l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex isegwu s-sitwazzjoni attwali ta' kull petizzjoni u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-trattament tal-petizzjonijiet; jilqa' l-modernizzazzjoni kontinwa tal-Portal tal-Petizzjonijiet fl-2025, inklużi miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-inklużività, l-aċċessibbiltà u l-prestazzjoni teknika; jinnota t-titjib tal-infrastruttura tal-pjattaforma;
	Or. en

Emenda 128
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar li l-bażi tad-data e-Petition u l-Portal tal-Petizzjonijiet jikkostitwixxu għodod essenzjali għat-trattament tal-petizzjonijiet u l-komunikazzjoni mal-petizzjonanti, li jippermettu lill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jaċċessaw l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex isegwu s-sitwazzjoni attwali ta' kull petizzjoni u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-trattament tal-petizzjonijiet; jilqa' l-modernizzazzjoni kontinwa tal-Portal tal-Petizzjonijiet fl-2025, inklużi miżuri li għandhom l-għan li jtejbu ***l-inklużività,*** l-aċċessibbiltà u l-prestazzjoni teknika; jinnota ***l-introduzzjoni ta' għażliet newtrali għall-ġeneru u*** t-titjib tal-infrastruttura tal-pjattaforma;	9. Ifakkar li l-bażi tad-data e-Petition u l-Portal tal-Petizzjonijiet jikkostitwixxu għodod essenzjali għat-trattament tal-petizzjonijiet u l-komunikazzjoni mal-petizzjonanti, li jippermettu lill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jaċċessaw l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex isegwu s-sitwazzjoni attwali ta' kull petizzjoni u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-trattament tal-petizzjonijiet; jilqa' l-modernizzazzjoni kontinwa tal-Portal tal-Petizzjonijiet fl-2025, inklużi miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-aċċessibbiltà***, it-trasparenza*** u l-prestazzjoni teknika; jinnota t-titjib ***kontinwu*** tal-infrastruttura tal-pjattaforma;
	Or. pl

Emenda 129
Michał Kobosko, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Iheġġeġ l-iżvilupp kontinwu ta' standards ta' kwalità interni għat-trattament tal-petizzjonijiet, inkluża l-konsistenza fit-tweġibiet, il-puntwalità u l-komunikazzjoni orjentata lejn l-utent.

Or. en

Emenda 130
Michał Kobosko, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jilqa' l-ilħuq tal-Kummissjoni fl-istabbiliment ta' għodda tal-IT interistituzzjonali li tippermetti l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-Parlament u l-Kummissjoni dwar azzjonijiet ta' segwitu relatati mal-petizzjonijiet, inklużi proċeduri ta' ksur u skambji mal-awtoritajiet nazzjonali; itenni l-importanza ta' tali għodod għat-titjib tat-trasparenza ***u*** l-effiċjenza ***fit-trattament*** tal-petizzjonijiet;	10. Jilqa' l-ilħuq tal-Kummissjoni fl-istabbiliment ta' għodda tal-IT interistituzzjonali li tippermetti l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-Parlament u l-Kummissjoni dwar azzjonijiet ta' segwitu relatati mal-petizzjonijiet, inklużi proċeduri ta' ksur u skambji mal-awtoritajiet nazzjonali; itenni l-importanza ta' tali għodod għat-titjib tat-trasparenza***,*** l-effiċjenza ***u t-tnaqqis tad-duplikazzjoni amministrattiva bla bżonn tat-trattament*** tal-petizzjonijiet;

Or. en

Emenda 131
Michał Kobosko, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jilqa' l-użu dejjem akbar ta' għodod diġitali fil-proċedura tal-petizzjonijiet u jħeġġeġ aktar titjib fil-Portal tal-Petizzjonijiet, inklużi funzjonijiet ta' tiftix imtejba, viżwalizzazzjoni aħjar tad-data, aċċessibbiltà mtejba għall-persuni b'diżabbiltà u traċċar aktar faċli għall-utent tal-petizzjonijiet matul il-proċedura kollha.

Or. en

Emenda 132
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Ifakkar ***li l-kooperazzjoni*** ma' kumitati parlamentari oħra ***tibqa' essenzjali għat-trattament komprensiv*** tal-petizzjonijiet; jirrimarka li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet bagħat 15-il talba għal opinjoni u ***1 204*** talbiet għal informazzjoni lil kumitati parlamentari oħra, meta mqabbla ma' 30 talba għal opinjoni u 450 talba għal informazzjoni fl-2024; ***jenfasizza, għalhekk,*** tnaqqis ***ta' 50 %*** fl-għadd ta' talbiet għal opinjoni u żieda sinifikanti ***ta' madwar 168 %*** fl-għadd ta' talbiet għal informazzjoni***, li jirriflettu l-ħtieġa dejjem tikber ta' skambji fost il-kumitati u kontribut tekniku fit-trattament tal-petizzjonijiet***; ifakkar li l-petizzjonanti jiġu infurmati meta tittieħed deċiżjoni li tintalab l-opinjoni ta' kumitati oħra biex jiġu ttrattati l-petizzjonijiet tagħhom; ***jissottolinja li l-kumitati*** parlamentari ***għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jikkontribwixxu b'mod attiv għall-eżami*** tal-petizzjonijiet ***billi jagħtu prova tal-għarfien espert tagħhom biex b'hekk il-Parlament ikun jista' jirrispondi aktar***	11. Ifakkar ***fl-importanza tal-kooperazzjoni*** ma' kumitati parlamentari oħra ***fl-ipproċessar*** tal-petizzjonijiet; jirrimarka li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet bagħat 15-il talba għal opinjoni u ***1 204*** talbiet għal informazzjoni lil kumitati parlamentari oħra, meta mqabbla ma' 30 talba għal opinjoni u 450 talba għal informazzjoni fl-2024; ***jinnota li fl-2025 kien hemm*** tnaqqis fl-għadd ta' talbiet għal opinjoni u żieda sinifikanti fl-għadd ta' talbiet għal informazzjoni; ifakkar li l-petizzjonanti jiġu infurmati meta tittieħed deċiżjoni li tintalab l-opinjoni ta' kumitati oħra biex jiġu ttrattati l-petizzjonijiet tagħhom; ***jitlob li jitkompla l-iskambju ta' informazzjoni u għarfien espert bejn il-kumitati*** parlamentari ***rigward l-ipproċessar*** tal-petizzjonijiet;

malajr u b'mod aktar komprensiv għat-tħassib taċ-ċittadini;

Or. sk

Emenda 133
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Ifakkar li l-kooperazzjoni ma' kumitati parlamentari oħra tibqa' essenzjali għat-trattament komprensiv tal-petizzjonijiet; jirrimarka li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet bagħat 15-il talba għal opinjoni u ***1 204*** talbiet għal informazzjoni lil kumitati parlamentari oħra, meta mqabbla ma' 30 talba għal opinjoni u 450 talba għal informazzjoni fl-2024; jenfasizza, għalhekk, tnaqqis ta' 50 % fl-għadd ta' talbiet għal opinjoni u żieda sinifikanti ta' madwar 168 % fl-għadd ta' talbiet għal informazzjoni, li jirriflettu l-ħtieġa dejjem tikber ta' skambji fost il-kumitati u kontribut tekniku fit-trattament tal-petizzjonijiet; ifakkar li l-petizzjonanti jiġu infurmati meta tittieħed deċiżjoni li tintalab l-opinjoni ta' kumitati oħra biex jiġu ttrattati l-petizzjonijiet tagħhom; ***jissottolinja li l-kumitati parlamentari għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jikkontribwixxu b'mod attiv għall-eżami tal-petizzjonijiet billi jagħtu prova tal-għarfien espert tagħhom biex b'hekk il-Parlament ikun jista' jirrispondi aktar malajr u b'mod aktar komprensiv għat-tħassib taċ-ċittadini;***	11. Ifakkar li l-kooperazzjoni ma' kumitati parlamentari oħra tibqa' essenzjali għat-trattament komprensiv tal-petizzjonijiet; jirrimarka li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet bagħat 15-il talba għal opinjoni u ***1 204*** talbiet għal informazzjoni lil kumitati parlamentari oħra, meta mqabbla ma' 30 talba għal opinjoni u 450 talba għal informazzjoni fl-2024; jenfasizza, għalhekk, tnaqqis ta' 50 % fl-għadd ta' talbiet għal opinjoni u żieda sinifikanti ta' madwar 168 % fl-għadd ta' talbiet għal informazzjoni, li jirriflettu l-ħtieġa dejjem tikber ta' skambji fost il-kumitati u kontribut tekniku fit-trattament tal-petizzjonijiet; ifakkar li l-petizzjonanti jiġu infurmati meta tittieħed deċiżjoni li tintalab l-opinjoni ta' kumitati oħra biex jiġu ttrattati l-petizzjonijiet tagħhom;

Or. en

Emenda 134
Michał Kobosko, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Ifakkar li l-kooperazzjoni ma' kumitati parlamentari oħra tibqa' essenzjali għat-trattament komprensiv tal-petizzjonijiet; jirrimarka li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet bagħat 15-il talba għal opinjoni u ***1 204*** talbiet għal informazzjoni lil kumitati parlamentari oħra, meta mqabbla ma' 30 talba għal opinjoni u 450 talba għal informazzjoni fl-2024; jenfasizza, għalhekk, tnaqqis ta' 50 % fl-għadd ta' talbiet għal opinjoni u żieda sinifikanti ta' madwar 168 % fl-għadd ta' talbiet għal informazzjoni, li jirriflettu l-ħtieġa dejjem tikber ta' skambji fost il-kumitati u kontribut tekniku fit-trattament tal-petizzjonijiet; ifakkar li l-petizzjonanti jiġu infurmati meta tittieħed deċiżjoni li tintalab l-opinjoni ta' kumitati oħra biex jiġu ttrattati l-petizzjonijiet tagħhom; jissottolinja li l-kumitati parlamentari għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jikkontribwixxu b'mod attiv għall-eżami tal-petizzjonijiet billi jagħtu prova tal-għarfien espert tagħhom biex b'hekk il-Parlament ikun jista' jirrispondi aktar malajr u b'mod aktar komprensiv għat-tħassib taċ-ċittadini;	11. Ifakkar li l-kooperazzjoni ma' kumitati parlamentari oħra tibqa' essenzjali għat-trattament komprensiv tal-petizzjonijiet; jirrimarka li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet bagħat 15-il talba għal opinjoni u ***1 204*** talbiet għal informazzjoni lil kumitati parlamentari oħra, meta mqabbla ma' 30 talba għal opinjoni u 450 talba għal informazzjoni fl-2024; jenfasizza, għalhekk, tnaqqis ta' 50 % fl-għadd ta' talbiet għal opinjoni u żieda sinifikanti ta' madwar 168 % fl-għadd ta' talbiet għal informazzjoni, li jirriflettu l-ħtieġa dejjem tikber ta' skambji fost il-kumitati u kontribut tekniku fit-trattament tal-petizzjonijiet; ifakkar li l-petizzjonanti jiġu infurmati meta tittieħed deċiżjoni li tintalab l-opinjoni ta' kumitati oħra biex jiġu ttrattati l-petizzjonijiet tagħhom; jissottolinja li l-kumitati parlamentari għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jikkontribwixxu b'mod attiv għall-eżami tal-petizzjonijiet billi jagħtu prova tal-għarfien espert tagħhom ***inkluż permezz ta' feedback sistematiku dwar il-problemi ta' implimentazzjoni rikorrenti identifikati permezz tal-petizzjonijiet*** biex b'hekk il-Parlament ikun jista' jirrispondi aktar malajr u b'mod aktar komprensiv għat-tħassib taċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 135
Michał Kobosko, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jappella għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Kumitat għall-

Petizzjonijiet u l-mekkaniżmi eżistenti tal-Unjoni għas-soluzzjoni tal-problemi, inkluż SOLVIT fejn xieraq, sabiex jiġu ffaċilitati soluzzjonijiet prattiċi għaċ-ċittadini li jiffaċċjaw diffikultajiet fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ ir-rwol istituzzjonali tal-Parlament u d-dritt ta' petizzjoni.

Or. en

Emenda 136
Michał Kobosko, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jisħaq li kwistjonijiet rikorrenti identifikati permezz tal-petizzjonijiet jipprovdu evidenza siewja għall-aġenda tal-Unjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar u għandhom, fejn xieraq, jikkontribwixxu għal evalwazzjonijiet, kontrolli tal-idoneità u valutazzjonijiet tal-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u b'hekk isaħħu t-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza.

Or. en

Emenda 137
Michał Kobosko, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***12c. Jisħaq fuq ir-rwol uniku tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet bħala l-mekkaniżmu primarju tal-Parlament Ewropew għall-identifikazzjoni tat-tħassib taċ-ċittadini u l-isfidi prattiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni u l-applikazzjoni**

tad-dritt tal-Unjoni; l-iżgurar li t-tagħlimiet meħuda mill-petizzjonijiet jiġu riflessi b'mod sistematiku f'evalwazzjonijiet leġiżlattivi, inizjattivi ta' simplifikazzjoni u riežamijiet tal-implimentazzjoni futuri.

Or. en

Emenda 138
Michał Kobosko, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12d. Itenni li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu r-responsabbiltà li jiżgura li l-ħidma tiegħu tirrifletti d-diversità tat-tħassib fl-Unjoni kollha u għandu jevita konċentrazzjoni sproporzjonata fuq kwistjonijiet relatati ma' kwalunkwe Stat Membru wieħed fejn dan ma jkunx iġġustifikat b'mod oġġettiv mill-petizzjonijiet riċevuti jew mis-sinifikat tal-kwistjonijiet imqajma.

Or. en

Emenda 139
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
irrigwardaw, fost affarijiet oħra, kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali, il-governanza demokratika, l-istat tad-dritt u l-konsegwenzi umanitarji tal-kunflitti armati u l-instabbiltà politika fuq il-popolazzjonijiet ċivili; jinnota***, barra minn hekk,*** li diversi petizzjonanti ***ġibdu l-attenzjoni għal*** kwistjonijiet relatati mal-assistenza umanitarja, il-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli u ***s-sitwazzjoni*** f'pajjiżi mhux tal-UE;

Or. sk

Emenda 194
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jinnota ż-żieda sinifikanti fil-petizzjonijiet li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet esterni, id-dritt ***umanitarju*** internazzjonali u l-kunflitti armati, li tirrifletti tħassib pubbliku dejjem ikbar rigward żviluppi ġeopolitiċi ewlenin; jinnota li l-petizzjonijiet diskussi fil-kumitat qajmu tħassib relatat mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-konformità mad-dritt ***umanitarju*** internazzjonali, il-governanza demokratika***,*** l-istat tad-dritt ***u l-konsegwenzi umanitarji tal-kunflitti armati u l-instabbiltà politika fuq il-popolazzjonijiet ċivili***; jinnota li diversi petizzjonanti talbu wkoll lill-UE tagħti aktar attenzjoni ***lil kwistjonijiet relatati mal-assistenza umanitarja, il-protezzjoni*** ta' gruppi vulnerabbli u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi f'pajjiżi mhux tal-	19. Jinnota ż-żieda sinifikanti fil-petizzjonijiet li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet esterni, id-dritt internazzjonali u l-kunflitti armati, li tirrifletti tħassib pubbliku dejjem ikbar rigward żviluppi ġeopolitiċi ewlenin ***u l-interessi strateġiċi u tas-sigurtà tal-UE***; jinnota li l-petizzjonijiet diskussi fil-kumitat qajmu tħassib relatat mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-konformità mad-dritt internazzjonali, il-governanza demokratika ***u*** l-istat tad-dritt; jinnota li diversi petizzjonanti talbu wkoll lill-UE tagħti aktar attenzjoni ***lill-protezzjoni*** ta' gruppi vulnerabbli u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi f'pajjiżi mhux tal-UE;

UE;

Or. en

Emenda 195
Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jinnota ż-żieda ***sinifikanti*** fil-petizzjonijiet li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet esterni***, id-dritt umanitarju internazzjonali u l-kunflitti armati, li tirrifletti tħassib pubbliku dejjem jikber rigward żviluppi ġeopolitiċi ewlenin***; jinnota li l-petizzjonijiet diskussi fil-kumitat qajmu tħassib relatat ***mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali, il-governanza demokratika, l-istat tad-dritt u l-konsegwenzi umanitarji tal-kunflitti armati u l-instabbiltà politika fuq il-popolazzjonijiet ċivili***; jinnota li diversi petizzjonanti talbu wkoll lill-UE tagħti aktar attenzjoni lil kwistjonijiet relatati mal-assistenza umanitarja, il-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi f'pajjiżi mhux tal-UE;	19. Jinnota ż-żieda fil-petizzjonijiet li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet esterni; jinnota li l-petizzjonijiet diskussi fil-kumitat qajmu tħassib relatat ***ma' diversi żviluppi ġeopolitiċi; ifakkar li r-relazzjonijiet esterni u l-politika barranija jaqgħu b'mod predominanti taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u tal-Kunsill, u li r-rwol primarju tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa li jeżamina petizzjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma ta' attività tal-UE***; jinnota li diversi petizzjonanti talbu wkoll lill-UE tagħti aktar attenzjoni lil kwistjonijiet relatati mal-assistenza umanitarja, il-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi f'pajjiżi mhux tal-UE;

Or. en

Emenda 196
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Ifakkar, b'mod partikolari, fil-petizzjonijiet diskussi dwar is-sitwazzjoni

politika fil-Venezwela wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2024, li enfasizzaw it-tħassib taċ-ċittadini Ewropej dwar id-demokrazija, id-drittijiet fundamentali, il-libertà tal-espressjoni u s-sitwazzjoni tad-dijaspora Venezwelana;

Or. es

Emenda 197
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jisħaq li l-assistenza umanitarja qatt ma għandha tintuża biex tinkoraġġixxi l-migrazzjoni illegali u lanqas biex tiffinanzja organizzazzjonijiet li jikkompromettu s-sovranità, is-sigurtà, il-valuri u l-wirt Nisrani tal-Ewropa.

Or. en

Emenda 198
Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***Ifakkar*** li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ***eżamina petizzjoni li tikkonċerna t-tifkira u r-rikonoxximent tal-vittmi tal-perjodu komunista ta' wara l-gwerra fis-Slovenja, b'enfasi fuq kwistjonijiet relatati mal-memorja storika, l-aċċess għall-informazzjoni tal-arkivji u l-ħtieġa ta' rikonoxximent xieraq tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-passat; jinnota li***, fl-24 ta' Ġunju 2025, ***il-Kumitat għall-Petizzjonijiet adotta*** mozzjoni għal riżoluzzjoni dwar ***il-preżervazzjoni*** tal-	20. ***Jenfasizza*** li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ***adotta***, fl-24 ta' Ġunju 2025, mozzjoni għal riżoluzzjoni dwar ***il-preservazzjoni*** tal-memorja tal-vittmi tal-perjodu komunista ta' wara l-gwerra fis-Slovenja***, rapportata mill-President, Bogdan Rzońca; ifakkar li din ir-riżoluzzjoni ġiet sussegwentement adottata fil-plenarja fit-8 ta' Lulju 2025 b'vot ta' 357 favur, 266 kontra u 16-il astensjoni; jissottolinja*** li r-riżoluzzjoni ***tistieden lill-awtoritajiet Sloveni jkomplu jinvestigaw***

memorja tal-vittmi tal-perjodu komunista ta' wara l-gwerra fis-Slovenja***; jinnota*** li r-riżoluzzjoni ***tindirizza kwistjonijiet relatati mat-tifkira storika, is-salvagwardja tal-evidenza dokumentarja, u l-importanza li jiġi żgurat*** li l-memorja ***tal-vittmi tiġi ppreżervata kif xieraq fil-qafas tal-valuri tal-UE***, inkluż ***ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt***;	***aktar minn 750 qabar tal-massa moħbija, jagħtu difna dinjituża lill-vittmi, u jerġgħu jdaħħlu Jum Nazzjonali ta' Tifkira għall-vittmi tal-vjolenza komunista; jisħaq*** li l-memorja ***tad-delitti mwettqa mir-reġimi totalitarji kollha***, inkluż ***il-komuniżmu, għandha tifforma parti mill-memorja kollettiva tal-Ewropa***;
	Or. en

Emenda 199
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jinnota li, wara petizzjonijiet li jikkonċernaw ir-rekwiżiti lingwistiċi imposti fuq in-negozji fir-rigward tat-tikkettar kummerċjali, id-dokumentazzjoni u l-kura tal-klijenti fil-Katalonja, Spanja, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza sessjoni ta' ħidma li tinvolvi esperti minn oqsma legali differenti sabiex jeżamina t-tħassib dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni reġjonali rilevanti mad-dritt tal-UE. Jinnota wkoll li s-sessjoni ta' ħidma indirizzat, b'mod partikolari, kwistjonijiet relatati man-nondiskriminazzjoni, il-proporzjonalità, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-moviment liberu tal-oġġetti u s-servizzi fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li enfasizzat ir-rwol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-iffaċilitar ta' skrutinju parlamentari infurmat dwar kwistjonijiet li jaffettwaw l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE;
	Or. es

Emenda 200

Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jinnota li fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza sessjoni ta' ħidma dwar il-libertà lingwistika taċ-ċittadini u tal-kumpaniji fir-rigward tal-politiki lingwistiċi fil-Katalonja; jinnota li s-sessjoni ta' ħidma eżaminat l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-lingwa reġjonali fil-kuntest tal-prinċipji tal-UE, inklużi n-nondiskriminazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-moviment liberu ta' oġġetti u servizzi; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-politiki lingwistiċi reġjonali jirrispettaw il-prinċipji tal-proporzjonalità u ċ-ċertezza legali fi ħdan is-suq intern;

Or. en

Emenda 201
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinnota li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina petizzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Ungerija fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fis-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-UE; jinnota wkoll li din il-petizzjoni qajmet kwistjonijiet rigward l-ambitu u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-Ungerija fil-qafas tal-UPPE u l-implikazzjonijiet ta' dan għall-effettività tal-mekkaniżmi kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni fil-livell tal-UE; ifakkar li,	***imħassar***

b'rispons għat-tħassib imqajjem, fl-24 ta' Settembru 2025 il-kumitat organizza seduta ta' smigħ pubbliku b'enfasi fuq il-qafas legali li jirregola s-sħubija tal-UPPE, il-kooperazzjoni msaħħa, u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni fis-sistema tal-UPPE; jinnota wkoll li s-seduta ta' smigħ indirizzat il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni nazzjonali u l-UPPE, kif ukoll l-implikazzjonijiet usa' għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE u l-infurzar effettiv tad-dritt kriminali f'każijiet li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE;

Or. en

Emenda 202
Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinnota li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina petizzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Ungerija fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) ***u kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fis-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-UE; jinnota wkoll li din il-petizzjoni qajmet kwistjonijiet rigward l-ambitu u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-Ungerija fil-qafas tal-UPPE u l-implikazzjonijiet ta' dan għall-effettività tal-mekkaniżmi kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni fil-livell tal-UE***; ifakkar li***, b'rispons għat-tħassib imqajjem, fl-24 ta' Settembru 2025 il-kumitat organizza seduta ta' smigħ pubbliku b'enfasi fuq il-qafas legali li jirregola s-sħubija tal-UPPE, il-kooperazzjoni*** msaħħa***, u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni fis-sistema tal-UPPE; jinnota wkoll li s-seduta ta' smigħ indirizzat il-kooperazzjoni bejn l-***	21. Jinnota li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina petizzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Ungerija fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE); ifakkar li ***l-UPPE ġie stabbilit taħt kooperazzjoni*** msaħħa ***u li l-parteċipazzjoni tibqa' deċiżjoni sovrana ta' kull Stat Membru f'konformità mat-Trattati***;

awtoritajiet tal-prosekuzzjoni nazzjonali u l-UPPE, kif ukoll l-implikazzjonijiet usa' għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE u l-infurzar effettiv tad-dritt kriminali f'każijiet li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE;

Or. en

Emenda 203
Alvise Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinnota li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina petizzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Ungerija fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fis-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-UE; jinnota wkoll li din il-petizzjoni qajmet kwistjonijiet rigward l-ambitu u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-Ungerija fil-qafas tal-UPPE u l-implikazzjonijiet ta' dan għall-effettività tal-mekkaniżmi kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni fil-livell tal-UE; ifakkar li, b'rispons għat-tħassib imqajjem, fl-24 ta' Settembru 2025 il-kumitat organizza seduta ta' smigħ pubbliku b'enfasi fuq il-qafas legali li jirregola s-sħubija tal-UPPE, il-kooperazzjoni msaħħa, u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni fis-sistema tal-UPPE; jinnota wkoll li s-seduta ta' smigħ indirizzat il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni nazzjonali u l-UPPE, kif ukoll l-implikazzjonijiet usa' għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE u l-infurzar effettiv ***tad-dritt*** kriminali f'każijiet li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE;	21. Jinnota li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina petizzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Ungerija fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fis-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-UE; jinnota wkoll li din il-petizzjoni qajmet kwistjonijiet rigward l-ambitu u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-Ungerija fil-qafas tal-UPPE u l-implikazzjonijiet ta' dan għall-effettività tal-mekkaniżmi kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni fil-livell tal-UE; ifakkar li, b'rispons għat-tħassib imqajjem, fl-24 ta' Settembru 2025 il-kumitat organizza seduta ta' smigħ pubbliku b'enfasi fuq il-qafas legali li jirregola s-sħubija tal-UPPE, il-kooperazzjoni msaħħa, u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni fis-sistema tal-UPPE; jinnota wkoll li s-seduta ta' smigħ indirizzat il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni nazzjonali u l-UPPE, kif ukoll l-implikazzjonijiet usa' għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE***, speċjalment fejn hemm tħassib dwar l-akkwist pubbliku, il-fondi Ewropej, ir-rikostruzzjoni ta' wara l-emerġenza, il-proġetti b'impatt territorjali kbir jew nuqqas ta' kontroll effettiv mill-awtoritajiet kompetenti,*** u l-infurzar

effettiv ***tal-liġi*** kriminali f'każijiet li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE; ***iqis li l-kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni li taffettwa l-fondi jew l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu vvalutati bl-użu tal-istess kriterji fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jiġu evitati approċċi selettivi jew dawk motivati minn affinitajiet politiċi;***

Or. es

Emenda 204
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinnota li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina petizzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Ungerija fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fis-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-UE; jinnota wkoll li din il-petizzjoni ***qajmet kwistjonijiet rigward*** l-ambitu u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni ***tal-Ungerija*** fil-qafas tal-UPPE u ***l-implikazzjonijiet ta' dan għall-effettività tal-mekkaniżmi kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni fil-livell*** tal-UE; ifakkar li, b'rispons għat-tħassib imqajjem, fl-24 ta' Settembru 2025 il-kumitat organizza seduta ta' smigħ pubbliku b'enfasi fuq il-qafas legali li jirregola s-sħubija tal-UPPE, il-kooperazzjoni msaħħa, u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni fis-sistema tal-UPPE; jinnota wkoll li s-seduta ta' smigħ indirizzat il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni nazzjonali u ***l-UPPE***, kif ukoll ***l-implikazzjonijiet usa' għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE u l-infurzar effettiv tad-dritt kriminali f'każijiet li jaffettwaw l-interessi***	21. Jinnota li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina petizzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Ungerija fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fis-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-UE; jinnota wkoll li din il-petizzjoni ***kienet tirrigwarda*** l-ambitu u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni ***tal-Istati Membri*** fil-qafas tal-UPPE u ***kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji*** tal-UE; ifakkar li, b'rispons għat-tħassib imqajjem, fl-24 ta' Settembru 2025 il-kumitat organizza seduta ta' smigħ pubbliku b'enfasi fuq il-qafas legali li jirregola s-sħubija tal-UPPE, il-kooperazzjoni msaħħa, u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni fis-sistema tal-UPPE; jinnota wkoll li s-seduta ta' smigħ indirizzat il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni nazzjonali u ***l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)***, kif ukoll ***kwistjonijiet relatati mal-interessi*** finanzjarji tal-UE;

finanzjarji tal-UE;

Or. sk

Emenda 205
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinnota li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina petizzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Ungerija fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fis-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-UE; jinnota wkoll li din il-petizzjoni qajmet kwistjonijiet ***rigward*** l-ambitu u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-Ungerija fil-qafas tal-UPPE u l-implikazzjonijiet ta' dan għall-effettività tal-mekkaniżmi kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni fil-livell tal-UE; ifakkar li, b'rispons għat-tħassib imqajjem, fl-24 ta' Settembru 2025 il-kumitat organizza seduta ta' smigħ pubbliku b'enfasi fuq il-qafas legali li jirregola s-sħubija tal-UPPE, il-kooperazzjoni msaħħa, u ***l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni*** fis-sistema tal-UPPE; jinnota wkoll li s-seduta ta' smigħ indirizzat il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni nazzjonali u l-UPPE, kif ukoll l-implikazzjonijiet usa' għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE u l-infurzar effettiv tad-dritt kriminali f'każijiet li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE;	21. Jinnota li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina petizzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Ungerija fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fis-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-UE; jinnota wkoll li din il-petizzjoni qajmet kwistjonijiet ***li jirrigwardaw*** l-ambitu u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-Ungerija fil-qafas tal-UPPE u l-implikazzjonijiet ta' dan għall-effettività tal-mekkaniżmi kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni fil-livell tal-UE ***u nazzjonali***; ifakkar li, b'rispons għat-tħassib imqajjem, fl-24 ta' Settembru 2025 il-kumitat organizza seduta ta' smigħ pubbliku b'enfasi fuq il-qafas legali li jirregola s-sħubija tal-UPPE, il-kooperazzjoni msaħħa, u ***l-benefiċċji tal-parteċipazzjoni*** fis-sistema tal-UPPE; jinnota wkoll li s-seduta ta' smigħ indirizzat il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni nazzjonali u l-UPPE, kif ukoll l-implikazzjonijiet usa' għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE u l-infurzar effettiv tad-dritt kriminali f'każijiet li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE; ***jinnota li l-gvern Ungeriż il-ġdid ippreżenta uffiċjalment l-applikazzjoni tiegħu biex jingħaqad mal-UPPE;***

Or. en

Emenda 206
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Ifakkar li l-Istati Membri jibqgħu sovrani fid-deċiżjoni dwar jekk jipparteċipawx f'mekkaniżmi ta' kooperazzjoni msaħħa bħall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), f'konformità mat-Trattati; jinnota li, fl-2025, tliet Stati Membri għażlu li ma jipparteċipawx fl-UPPE.

Or. en

Emenda 207
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jissottolinja r-rwol speċifiku tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-qafas istituzzjonali tal-UE ***fl-appoġġ u*** fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-UNCRPD; ifakkar li l-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti ***f'ħafna*** oqsma tal-ħajja ***u jisħaq fuq il-ħtieġa tal-implimentazzjoni sħiħa tal-UNCRPD fl-Istati Membri kollha***; ifakkar fil-Workshop Annwali tal-kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà li sar fit-2 ta' Diċembru 2025 matul il-Ġimgħa tad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà tal-Parlament Ewropew, li ffoka fuq tliet temi ewlenin, li huma l-aċċessibbiltà, l-edukazzjoni ***inklużiva u l-perkorsi*** għall-impjieg, u eżamina s-sejbiet tal-petizzjonijiet f'dawn l-oqsma; ***jisħaq fuq il-kontribut importanti li għamel il-Kumitat għall-Petizzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni***	22. Jissottolinja r-rwol speċifiku tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-qafas istituzzjonali tal-UE fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-UNCRPD; ifakkar li l-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti ***f'diversi*** oqsma tal-ħajja; ifakkar fil-Workshop Annwali tal-kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà li sar fit-2 ta' Diċembru 2025 matul il-Ġimgħa tad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà tal-Parlament Ewropew, li ffoka fuq tliet temi ewlenin, li huma l-aċċessibbiltà, l-edukazzjoni ***u l-aċċess*** għall-impjieg, u eżamina s-sejbiet tal-petizzjonijiet f'dawn l-oqsma; ***jinnota li l-kumitat eżamina*** petizzjonijiet li jikkonċernaw ***ostakli*** għall-aċċessibbiltà ***f'ambjenti*** pubbliċi u diġitali, ***problemi fil-qasam tal-edukazzjoni u diffikultajiet*** fl-aċċess għal opportunitajiet ta' impjieg; jinnota li l-petizzjonijiet li waslu fl-2025

b'diżabbiltà, inkluż permezz tal-eżami ta' petizzjonijiet li jikkonċernaw ***l-ostakli*** għall-aċċessibbiltà ***fl-ambjenti*** pubbliċi u diġitali, ***il-lakuni fis-sistemi edukattivi inklużivi u d-diffikultajiet*** fl-aċċess għal opportunitajiet ta' impjieg ***u akkomodazzjoni raġonevoli***; jinnota li l-petizzjonijiet li waslu fl-2025 enfasizzaw ukoll ***il-ħtiġijiet persistenti*** relatati mal-infurzar ***effettiv*** tal-istandards ta' aċċessibbiltà, id-disponibbiltà ta' teknoloġiji ***assistivi, ir-rikonoxximent u*** l-implimentazzjoni ***prattika*** tad-drittijiet skont l-UNCRPD ***fl-Istati Membri kollha, u koordinazzjoni mtejba*** bejn l-awtoritajiet nazzjonali ***fl-iżgurar ta' parteċipazzjoni ugwali fis-soċjetà***; jinnota li l-għadd ta' petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet ta' diżabbiltà żdied b'mod sinifikanti fl-2025 meta mqabbel mas-snin preċedenti;

enfasizzaw ukoll ***kwistjonijiet*** relatati mal-infurzar tal-istandards ta' aċċessibbiltà, id-disponibbiltà ta' teknoloġiji ***ta' assistenza,*** l-implimentazzjoni tad-drittijiet skont l-UNCRPD***, u l-koordinazzjoni*** bejn l-awtoritajiet nazzjonali ***kompetenti***; jinnota li l-għadd ta' petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet ta' diżabbiltà żdied b'mod sinifikanti fl-2025 meta mqabbel mas-snin preċedenti;

Or. sk

Emenda 208
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jisħaq li l-aċċess ugwali għal kura tas-saħħa affordabbli, servizzi tas-saħħa mentali u kura fit-tul jibqa' sfida soċjali ewlenija madwar l-UE u għandu jibqa' prijorità għall-azzjoni tal-UE; jieħu nota li s-saħħa baqgħet wieħed mill-oqsma prinċipali ta' tħassib għall-petizzjonanti fl-2025; jinnota, b'mod partikolari, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina u ddiskuta petizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għat-trattament u l-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' finanzjament imsaħħa biex jappoġġjaw lill-pazjenti affettwati minn mard rari, kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli amministrattivi, soċjali u finanzjarji li jiffaċċjaw il-persuni li jindokraw b'mod	23. Jisħaq li l-aċċess ugwali għal kura tas-saħħa affordabbli, servizzi tas-saħħa mentali u kura fit-tul jibqa' sfida soċjali ewlenija madwar l-UE u għandu jibqa' prijorità għall-azzjoni tal-UE; jieħu nota li s-saħħa baqgħet wieħed mill-oqsma prinċipali ta' tħassib għall-petizzjonanti fl-2025; jinnota, b'mod partikolari, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina u ddiskuta petizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għat-trattament u l-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' finanzjament imsaħħa biex jappoġġjaw lill-pazjenti affettwati minn mard rari, kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli amministrattivi, soċjali u finanzjarji li jiffaċċjaw il-persuni li jindokraw b'mod

informali lil persuni b'mard kroniku; jinnota wkoll li l-petizzjonijiet indirizzaw sejħiet għal appoġġ u investiment imsaħħa fil-livell tal-UE f'politiki ta' prevenzjoni tas-suwiċidju, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u servizzi tas-saħħa mentali, kif ukoll petizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dritt għall-edukazzjoni għat-trabi u t-tfal żgħar bl-awtiżmu, inklużi kwistjonijiet relatati mad-dijanjożi bikrija, id-disponibbiltà ta' appoġġ speċjalizzat u oqfsa ta' edukazzjoni inklużiva; jinnota li, b'mod aktar ġenerali, il-petizzjonijiet fil-qasam tas-saħħa enfasizzaw ukoll tħassib dwar l-aċċess mhux ugwali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri u dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess f'waqtu, affordabbli u mhux diskriminatorju għat-trattament mediku u s-servizzi ta' appoġġ fl-UE;	informali lil persuni b'mard kroniku; jinnota wkoll li l-petizzjonijiet indirizzaw sejħiet għal appoġġ u investiment imsaħħa fil-livell tal-UE f'politiki ta' prevenzjoni tas-suwiċidju, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u servizzi tas-saħħa mentali, kif ukoll petizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dritt għall-edukazzjoni għat-trabi u t-tfal żgħar bl-awtiżmu, inklużi kwistjonijiet relatati mad-dijanjożi bikrija, id-disponibbiltà ta' appoġġ speċjalizzat u oqfsa ta' edukazzjoni inklużiva; jinnota li, b'mod aktar ġenerali, il-petizzjonijiet fil-qasam tas-saħħa enfasizzaw ukoll tħassib dwar l-aċċess mhux ugwali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri u dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess f'waqtu, affordabbli u mhux diskriminatorju għat-trattament mediku u s-servizzi ta' appoġġ fl-UE; ***jisħaq fuq ir-responsabbiltà tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jirrispetta l-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; jiddispjaċih dwar l-għadd baxx ħafna ta' petizzjonijiet li waslu għand il-Kumitat li jindirizzaw id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, it-twelid, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali; jisħaq ukoll li madwar 50 miljun mara ta' bejn it-18-il sena u l-74 sena fl-UE esperjenzaw vjolenza fiżika (inkluż theddid) jew vjolenza sesswali fil-ħajja adulta;***

Or. en

Emenda 209
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jisħaq li l-aċċess ugwali għal kura	23. Jisħaq li l-aċċess ugwali għal kura

tas-saħħa affordabbli, ***servizzi*** tas-saħħa mentali ***u kura fit-tul jibqa'*** sfida soċjali ewlenija madwar l-UE u ***għandu jibqa'*** prijorità għall-azzjoni tal-UE; jieħu nota li s-saħħa baqgħet wieħed mill-oqsma prinċipali ta' tħassib għall-petizzjonanti fl-2025; jinnota, b'mod partikolari, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina u ddiskuta petizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għat-trattament u l-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' finanzjament imsaħħa biex jappoġġjaw lill-pazjenti affettwati minn mard rari, kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli amministrattivi, soċjali u finanzjarji li jiffaċċjaw il-persuni li jindokraw b'mod informali lil persuni b'mard kroniku; jinnota wkoll li l-petizzjonijiet indirizzaw sejħiet għal appoġġ u investiment imsaħħa fil-livell tal-UE f'politiki ta' prevenzjoni tas-suwiċidju, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u servizzi tas-saħħa mentali, kif ukoll petizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dritt għall-edukazzjoni għat-trabi u t-tfal żgħar bl-awtiżmu, inklużi kwistjonijiet relatati mad-dijanjożi bikrija, id-disponibbiltà ta' appoġġ speċjalizzat u oqfsa ta' edukazzjoni inklużiva; jinnota li, b'mod aktar ġenerali, il-petizzjonijiet fil-qasam tas-saħħa enfasizzaw ukoll tħassib dwar l-aċċess mhux ugwali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri u dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess f'waqtu, affordabbli u mhux diskriminatorju għat-trattament mediku u s-servizzi ta' appoġġ fl-UE;

tas-saħħa affordabbli, ***is-servizzi*** tas-saħħa mentali***, id-dijanjożi ta' ċertu mard bħall-marda Ċelijaka, il-kwalifiki professjonali u l-kundizzjonijiet ġenerali fis-settur tal-kura tas-saħħa kif ukoll il-kura fit-tul jibqgħu*** sfida soċjali ewlenija madwar l-UE u ***għandhom jibqgħu*** prijorità għall-azzjoni tal-UE***; jirrimarka li filwaqt li dawn il-kwistjonijiet huma fundamentalment kompetenzi tal-Istati Membri, l-Unjoni Ewropea tista' tiżvolġi rwol kruċjali fil-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u fit-tishiħ tal-kooperazzjoni***; jieħu nota li s-saħħa baqgħet wieħed mill-oqsma prinċipali ta' tħassib għall-petizzjonanti fl-2025; jinnota, b'mod partikolari, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina u ddiskuta petizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għat-trattament u l-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' finanzjament imsaħħa biex jappoġġjaw lill-pazjenti affettwati minn mard rari, ***rikonoxximent imtejjeb, dijanjożi f'waqtha u aċċess għat-trattament xieraq għall-persuni milquta mill-endometrijożi,***kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli amministrattivi, soċjali u finanzjarji li jiffaċċjaw il-persuni li jindokraw b'mod informali lil persuni b'mard kroniku; jinnota wkoll li l-petizzjonijiet indirizzaw sejħiet għal appoġġ u investiment imsaħħa fil-livell tal-UE f'politiki ta' prevenzjoni tas-suwiċidju, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u servizzi tas-saħħa mentali, kif ukoll petizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dritt għall-edukazzjoni għat-trabi u t-tfal żgħar bl-awtiżmu, inklużi kwistjonijiet relatati mad-dijanjożi bikrija, id-disponibbiltà ta' appoġġ speċjalizzat u oqfsa ta' edukazzjoni inklużiva; jinnota li, b'mod aktar ġenerali, il-petizzjonijiet fil-qasam tas-saħħa enfasizzaw ukoll tħassib dwar l-aċċess mhux ugwali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri u dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess f'waqtu, affordabbli u mhux diskriminatorju għat-trattament mediku u s-servizzi ta' appoġġ fl-UE;

Emenda 210
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jisħaq li l-aċċess ***ugwali*** għal kura tas-saħħa ***affordabbli***, servizzi tas-saħħa mentali u kura fit-tul ***jibqa' sfida soċjali ewlenija madwar l-UE u għandu jibqa' prijorità għall-azzjoni tal-UE***; jieħu nota li s-saħħa baqgħet wieħed mill-oqsma prinċipali ta' tħassib għall-petizzjonanti fl-2025; jinnota, b'mod partikolari, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina u ddiskuta petizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għat-trattament u ***l-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' finanzjament imsaħħa biex jappoġġjaw lill-pazjenti*** affettwati minn mard rari, kif ukoll ***miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli*** amministrattivi, soċjali u finanzjarji li jiffaċċjaw il-persuni li jindokraw b'mod informali lil persuni b'mard kroniku; jinnota wkoll li l-petizzjonijiet ***indirizzaw sejħiet għal appoġġ u investiment imsaħħa fil-livell tal-UE f'politiki ta' prevenzjoni*** tas-suwiċidju, ***attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u servizzi*** tas-saħħa mentali***, kif ukoll petizzjonijiet dwar il-protezzjoni*** tad-dritt għall-edukazzjoni għat-trabi u t-tfal żgħar bl-awtiżmu, inklużi kwistjonijiet relatati mad-dijanjożi bikrija***, id-disponibbiltà*** ta' appoġġ speċjalizzat ***u oqfsa ta' edukazzjoni inklużiva***; jinnota li, b'mod aktar ġenerali, il-petizzjonijiet fil-qasam tas-saħħa enfasizzaw ukoll tħassib dwar ***l-aċċess mhux ugwali*** għas-servizzi tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri ***u dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess f'waqtu, affordabbli u mhux diskriminatorju għat-trattament mediku u s-servizzi ta' appoġġ fl-UE***;	23. Jisħaq li l-aċċess għal kura tas-saħħa, servizzi tas-saħħa mentali u kura fit-tul ***huma fost il-kwistjonijiet ewlenin enfasizzati mill-petizzjonanti***; jieħu nota li s-saħħa baqgħet wieħed mill-oqsma prinċipali ta' tħassib għall-petizzjonanti fl-2025; jinnota, b'mod partikolari, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina u ddiskuta petizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għat-trattament u ***l-appoġġ għall-pazjenti*** affettwati minn mard rari, kif ukoll ***kwistjonijiet relatati ma' ostakli*** amministrattivi, soċjali u finanzjarji li jiffaċċjaw il-persuni li jindokraw b'mod informali lil persuni b'mard kroniku; jinnota wkoll li l-petizzjonijiet ***kienu jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni*** tas-suwiċidju, ***is-servizzi*** tas-saħħa mentali ***u l-protezzjoni*** tad-dritt għall-edukazzjoni għat-trabi u t-tfal żgħar bl-awtiżmu, inklużi kwistjonijiet relatati mad-dijanjożi bikrija ***u d-disponibbiltà*** ta' appoġġ speċjalizzat; jinnota li, b'mod aktar ġenerali, il-petizzjonijiet fil-qasam tas-saħħa enfasizzaw ukoll tħassib dwar ***diskrepanzi fl-aċċess*** għas-servizzi tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri;

Emenda 211
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jisħaq li l-aċċess ugwali għal kura tas-saħħa affordabbli, servizzi tas-saħħa mentali u kura fit-tul jibqa' sfida soċjali ewlenija madwar l-UE u għandu jibqa' prijorità għall-azzjoni tal-UE; jieħu nota li s-saħħa baqgħet wieħed mill-oqsma prinċipali ta' tħassib għall-petizzjonanti fl-2025; jinnota, b'mod partikolari, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina u ddiskuta petizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għat-trattament u l-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' finanzjament imsaħħa biex jappoġġjaw lill-pazjenti affettwati minn mard rari, kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli amministrattivi, soċjali u finanzjarji li jiffaċċjaw il-persuni li jindokraw b'mod informali lil persuni b'mard kroniku; jinnota wkoll li l-petizzjonijiet indirizzaw sejħiet għal appoġġ u investiment imsaħħa fil-livell tal-UE f'politiki ta' prevenzjoni tas-suwiċidju, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u servizzi tas-saħħa mentali, kif ukoll petizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dritt għall-edukazzjoni għat-trabi u t-tfal żgħar bl-awtiżmu, inklużi kwistjonijiet relatati mad-dijanjożi bikrija, id-disponibbiltà ta' appoġġ speċjalizzat u oqfsa ta' edukazzjoni inklużiva; jinnota li, b'mod aktar ġenerali, il-petizzjonijiet fil-qasam tas-saħħa enfasizzaw ukoll tħassib dwar l-aċċess mhux ugwali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri u dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess f'waqtu, affordabbli u mhux diskriminatorju għat-trattament mediku u s-servizzi ta' appoġġ fl-UE;	23. Jisħaq li l-aċċess ugwali għal kura tas-saħħa affordabbli, servizzi tas-saħħa mentali u kura fit-tul jibqa' sfida soċjali ewlenija madwar l-UE u għandu jibqa' prijorità għall-azzjoni tal-UE***, filwaqt li jitqies li l-kura tas-saħħa tibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri***; jieħu nota li s-saħħa baqgħet wieħed mill-oqsma prinċipali ta' tħassib għall-petizzjonanti fl-2025; jinnota, b'mod partikolari, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina u ddiskuta petizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għat-trattament u l-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' finanzjament imsaħħa biex jappoġġjaw lill-pazjenti affettwati minn mard rari, kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli amministrattivi, soċjali u finanzjarji li jiffaċċjaw il-persuni li jindokraw b'mod informali lil persuni b'mard kroniku; jinnota wkoll li l-petizzjonijiet indirizzaw sejħiet għal appoġġ u investiment imsaħħa fil-livell tal-UE f'politiki ta' prevenzjoni tas-suwiċidju, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u servizzi tas-saħħa mentali, kif ukoll petizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dritt għall-edukazzjoni għat-trabi u t-tfal żgħar bl-awtiżmu, inklużi kwistjonijiet relatati mad-dijanjożi bikrija, id-disponibbiltà ta' appoġġ speċjalizzat u oqfsa ta' edukazzjoni inklużiva; jinnota li, b'mod aktar ġenerali, il-petizzjonijiet fil-qasam tas-saħħa enfasizzaw ukoll tħassib dwar l-aċċess mhux ugwali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri u dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess f'waqtu, affordabbli u mhux diskriminatorju għat-trattament mediku u

s-servizzi ta’ appoġġ fl-UE; ***ifakkar, barra minn hekk, fil-petizzjoni diskussa dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-tobba f’Ceuta u Melilla, li żvelat nuqqas ta’ persunal, ammonti eċċessivi ta’ xogħol u diffikultajiet biex jiġu attirati professjonisti tal-kura tas-saħħa, u dan jaffettwa l-kura tas-saħħa;***

Or. es

Emenda 212
Alvise Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jisħaq li l-aċċess ugwali għal kura tas-saħħa affordabbli***, servizzi*** tas-saħħa mentali u ***kura*** fit-tul jibqa’ sfida soċjali ewlenija madwar l-UE u għandu jibqa’ prijorità għall-azzjoni tal-UE; jieħu nota li s-saħħa baqgħet wieħed mill-oqsma prinċipali ta’ tħassib għall-petizzjonanti fl-2025; jinnota, b’mod partikolari, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina u ddiskuta petizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għat-trattament u l-ħtieġa ta’ mekkaniżmi ta’ finanzjament imsaħħa biex jappoġġjaw lill-pazjenti affettwati minn mard rari, kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli amministrattivi, soċjali u finanzjarji li jiffaċċjaw il-persuni li jindokraw b’mod informali lil persuni b’mard kroniku; jinnota wkoll li l-petizzjonijiet indirizzaw sejħiet għal appoġġ u investiment imsaħħa fil-livell tal-UE f’politiki ta’ prevenzjoni tas-suwiċidju, attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni u servizzi tas-saħħa mentali, kif ukoll petizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dritt għall-edukazzjoni għat-trabi u t-tfal żgħar bl-awtiżmu, inklużi kwistjonijiet relatati mad-dijanjożi bikrija, id-disponibbiltà ta’ appoġġ speċjalizzat u oqfsa ta’ edukazzjoni inklużiva; jinnota li,	23. Jisħaq li l-aċċess ugwali għal kura tas-saħħa affordabbli ***f’waqtha u bbilanċjata territorjalment, b’mod partikolari fiż-żoni rurali, ir-reġjuni insulari, iż-żoni tal-fruntiera u t-territorji affettwati minn pressjoni demografika jew minn nuqqas ta’ professjonisti, għas-servizzi*** tas-saħħa mentali u ***għall-kura*** fit-tul jibqa’ sfida soċjali ewlenija madwar l-UE u għandu jibqa’ prijorità għall-azzjoni tal-UE; jieħu nota li s-saħħa baqgħet wieħed mill-oqsma prinċipali ta’ tħassib għall-petizzjonanti fl-2025; jinnota, b’mod partikolari, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina u ddiskuta petizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għat-trattament u l-ħtieġa ta’ mekkaniżmi ta’ finanzjament imsaħħa biex jappoġġjaw lill-pazjenti affettwati minn mard rari, kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli amministrattivi, soċjali u finanzjarji li jiffaċċjaw il-persuni li jindokraw b’mod informali lil persuni b’mard kroniku; jinnota wkoll li l-petizzjonijiet indirizzaw sejħiet għal appoġġ u investiment imsaħħa fil-livell tal-UE f’politiki ta’ prevenzjoni tas-suwiċidju, attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni u servizzi tas-saħħa mentali, kif ukoll petizzjonijiet dwar il-

b’mod aktar ġenerali, il-petizzjonijiet fil-qasam tas-saħħa enfasizzaw ukoll tħassib dwar l-aċċess mhux ugwali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri u dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess f’waqtu, affordabbli u mhux diskriminatorju għat-trattament mediku u s-servizzi ta’ appoġġ fl-UE;

protezzjoni tad-dritt għall-edukazzjoni għat-trabi u t-tfal żgħar bl-awtiżmu, inklużi kwistjonijiet relatati mad-dijanjożi bikrija, id-disponibbiltà ta’ appoġġ speċjalizzat u oqfsa ta’ edukazzjoni inklużiva; jinnota li, b’mod aktar ġenerali, il-petizzjonijiet fil-qasam tas-saħħa enfasizzaw ukoll tħassib dwar l-aċċess mhux ugwali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri u dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess f’waqtu, affordabbli u mhux diskriminatorju għat-trattament mediku u s-servizzi ta’ appoġġ fl-UE;

Or. es

Emenda 213
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jisħaq li l-aċċess ugwali għal kura tas-saħħa affordabbli, servizzi tas-saħħa mentali u kura fit-tul jibqa’ sfida soċjali ewlenija madwar l-UE u għandu jibqa’ prijorità għall-azzjoni tal-UE; jieħu nota li s-saħħa baqgħet wieħed mill-oqsma prinċipali ta’ tħassib għall-petizzjonanti fl-2025; jinnota, b’mod partikolari, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina u ddiskuta petizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għat-trattament u l-ħtieġa ta’ mekkaniżmi ta’ finanzjament imsaħħa biex jappoġġjaw lill-pazjenti affettwati minn mard rari, kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli amministrattivi, soċjali u finanzjarji li jiffaċċjaw il-persuni li jindokraw b’mod informali lil persuni b’mard kroniku; jinnota wkoll li l-petizzjonijiet indirizzaw sejħiet għal appoġġ u investiment imsaħħa fil-livell tal-UE f’politiki ta’ prevenzjoni tas-suwiċidju, attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni u servizzi tas-saħħa mentali, kif ukoll petizzjonijiet dwar il-	23. Jisħaq li l-aċċess ugwali għal kura tas-saħħa affordabbli, servizzi tas-saħħa mentali u kura fit-tul jibqa’ sfida soċjali ewlenija madwar l-UE u għandu jibqa’ prijorità għall-azzjoni tal-UE; jieħu nota li s-saħħa baqgħet wieħed mill-oqsma prinċipali ta’ tħassib għall-petizzjonanti fl-2025; jinnota, b’mod partikolari, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina u ddiskuta petizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għat-trattament u l-ħtieġa ta’ mekkaniżmi ta’ finanzjament imsaħħa biex jappoġġjaw lill-pazjenti affettwati minn mard rari, kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli amministrattivi, soċjali u finanzjarji li jiffaċċjaw il-persuni li jindokraw b’mod informali lil persuni b’mard kroniku; jinnota wkoll li l-petizzjonijiet indirizzaw sejħiet għal appoġġ u investiment imsaħħa fil-livell tal-UE f’politiki ta’ prevenzjoni tas-suwiċidju, attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni u servizzi tas-saħħa mentali, kif ukoll petizzjonijiet dwar il-

protezzjoni tad-dritt għall-edukazzjoni għat-trabi u t-tfal żgħar bl-awtiżmu, inklużi kwistjonijiet relatati mad-dijanjożi bikrija, id-disponibbiltà ta' appoġġ speċjalizzat u oqfsa ta' edukazzjoni inklużiva; ***jinnota li, b'mod aktar ġenerali, il-petizzjonijiet fil-qasam tas-saħħa enfasizzaw ukoll tħassib dwar l-aċċess mhux ugwali għas-servizzi*** tal-kura tas-saħħa ***madwar l-Istati*** Membri ***u dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess f'waqtu, affordabbli u mhux diskriminatorju għat-trattament mediku u s-servizzi ta' appoġġ fl-UE;***

protezzjoni tad-dritt għall-edukazzjoni għat-trabi u t-tfal żgħar bl-awtiżmu, inklużi kwistjonijiet relatati mad-dijanjożi bikrija, id-disponibbiltà ta' appoġġ speċjalizzat u oqfsa ta' edukazzjoni inklużiva; ***jissottolinja li s-sistemi*** tal-kura tas-saħħa ***jibqgħu primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati*** Membri***.***

Or. en

Emenda 214
Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jisħaq li l-aċċess ***ugwali għal kura*** tas-saħħa ***affordabbli, servizzi*** tas-saħħa mentali u ***kura fit-tul jibqa' sfida soċjali ewlenija*** madwar l-UE ***u għandu jibqa' prijorità għall-azzjoni tal-UE***; jieħu nota li s-saħħa baqgħet wieħed mill-oqsma prinċipali ta' tħassib għall-petizzjonanti fl-2025; jinnota, b'mod partikolari, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina u ddiskuta petizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għat-trattament u l-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' finanzjament imsaħħa biex jappoġġjaw lill-pazjenti affettwati minn mard rari, kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli amministrattivi, soċjali u finanzjarji li jiffaċċjaw il-persuni li jindokraw b'mod informali lil persuni b'mard kroniku; jinnota wkoll li l-petizzjonijiet indirizzaw sejħiet għal appoġġ u investiment imsaħħa fil-livell tal-UE f'politiki ta' prevenzjoni tas-suwiċidju, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u servizzi tas-saħħa mentali, kif ukoll petizzjonijiet dwar il-	23. Jisħaq li l-aċċess ***għall-kura*** tas-saħħa***, għas-servizzi*** tas-saħħa mentali u ***għall-kura fit-tul għadu ta' tħassib serju għaċ-ċittadini*** madwar l-UE***; ifakkar li l-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa huma kompetenza tal-Istati Membri***; jieħu nota li s-saħħa baqgħet wieħed mill-oqsma prinċipali ta' tħassib għall-petizzjonanti fl-2025; jinnota, b'mod partikolari, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina u ddiskuta petizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għat-trattament u l-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' finanzjament imsaħħa biex jappoġġjaw lill-pazjenti affettwati minn mard rari, kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli amministrattivi, soċjali u finanzjarji li jiffaċċjaw il-persuni li jindokraw b'mod informali lil persuni b'mard kroniku; jinnota wkoll li l-petizzjonijiet indirizzaw sejħiet għal appoġġ u investiment imsaħħa fil-livell tal-UE f'politiki ta' prevenzjoni tas-suwiċidju, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u servizzi tas-saħħa

protezzjoni tad-dritt għall-edukazzjoni għat-trabi u t-tfal żgħar bl-awtiżmu, inklużi kwistjonijiet relatati mad-dijanjożi bikrija, id-disponibbiltà ta' appoġġ speċjalizzat u oqfsa ta' edukazzjoni inklużiva; jinnota li, b'mod aktar ġenerali, il-petizzjonijiet fil-qasam tas-saħħa enfasizzaw ukoll tħassib dwar l-aċċess mhux ugwali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri u dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess f'waqtu, affordabbli u mhux diskriminatorju għat-trattament mediku u s-servizzi ta' appoġġ fl-UE;

mentali, kif ukoll petizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dritt għall-edukazzjoni għat-trabi u t-tfal żgħar bl-awtiżmu, inklużi kwistjonijiet relatati mad-dijanjożi bikrija, id-disponibbiltà ta' appoġġ speċjalizzat u oqfsa ta' edukazzjoni inklużiva; jinnota li, b'mod aktar ġenerali, il-petizzjonijiet fil-qasam tas-saħħa enfasizzaw ukoll tħassib dwar l-aċċess mhux ugwali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri u dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess f'waqtu, affordabbli u mhux diskriminatorju għat-trattament mediku u s-servizzi ta' appoġġ fl-UE;

Or. en

Emenda 215
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jinnota li l-petizzjonijiet eżaminati fl-2025 indirizzaw kwistjonijiet relatati mar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, inkluż tħassib dwar l-arranġamenti kummerċjali mal-Istati Uniti u l-applikazzjoni tat-tariffi, kif ukoll l-iżbilanċi perċepiti fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' ċerti pajjiżi sħab Asjatiċi; jinnota li l-petizzjonanti qajmu mistoqsijiet dwar l-impatt ta' tali dinamika kummerċjali fuq il-produtturi Ewropej, is-setturi ta' importanza strateġika u l-konsumaturi fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ ġust u bbażat fuq ir-regoli għall-kummerċ internazzjonali, filwaqt li jitqiesu kemm l-interessi ekonomiċi tal-UE kif ukoll it-tħassib leġittimu espress mill-produtturi u mill-konsumaturi Ewropej; jisħaq li l-politika kummerċjali tal-UE għandha tikkontribwixxi għal standards tax-xogħol, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem għoljin u tappoġġja impjiegi ta' kwalità fl-	24. Jinnota li l-petizzjonijiet eżaminati fl-2025 indirizzaw kwistjonijiet relatati mar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, inkluż tħassib dwar l-arranġamenti kummerċjali mal-Istati Uniti u l-applikazzjoni tat-tariffi, kif ukoll l-iżbilanċi perċepiti fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' ċerti pajjiżi sħab Asjatiċi; jinnota li l-petizzjonanti qajmu mistoqsijiet dwar l-impatt ta' tali dinamika kummerċjali fuq il-produtturi Ewropej, is-setturi ta' importanza strateġika u l-konsumaturi fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ ġust u bbażat fuq ir-regoli għall-kummerċ internazzjonali, filwaqt li jitqiesu kemm l-interessi ekonomiċi tal-UE kif ukoll it-tħassib leġittimu espress mill-produtturi u mill-konsumaturi Ewropej; jisħaq li l-politika kummerċjali tal-UE għandha tikkontribwixxi għal standards tax-xogħol, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem għoljin u tappoġġja impjiegi ta' kwalità fl-

UE;	UE; ***jenfasizza li dik il-politika ma tridx issir għad-detriment tal-bdiewa, l-industrija u l-SMEs Ewropej esposti għall-kompetizzjoni minn pajjiżi terzi li ma jikkonformawx ma' standards komparabbli; jenfasizza l-prattiki li permezz tagħhom il-prodotti mhux tal-UE jiġu ttikkettati b'mod li jista' jqarraq bil-konsumaturi fir-rigward tal-oriġini Ewropea tagħhom u jappella għal infurzar strett ta' regoli trasparenti dwar it-tikkettar, sabiex tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta u jitħarsu l-interessi tal-produtturi tal-UE;***

Or. pl

Emenda 216
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jinnota li l-petizzjonijiet eżaminati fl-2025 indirizzaw kwistjonijiet relatati mar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, inkluż tħassib dwar l-arranġamenti kummerċjali mal-Istati Uniti u l-applikazzjoni tat-tariffi, kif ukoll l-iżbilanċi perċepiti fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' ċerti pajjiżi sħab Asjatiċi; jinnota li l-petizzjonanti qajmu mistoqsijiet dwar l-impatt ta' tali dinamika kummerċjali fuq il-produtturi Ewropej, is-setturi ta' importanza strateġika u l-konsumaturi fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ ġust u bbażat fuq ir-regoli għall-kummerċ internazzjonali, filwaqt li jitqiesu kemm l-interessi ekonomiċi tal-UE kif ukoll it-tħassib leġittimu espress mill-produtturi u mill-konsumaturi Ewropej; jisħaq li l-politika kummerċjali tal-UE għandha tikkontribwixxi għal standards tax-xogħol, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem għoljin u tappoġġja impjiegi ta' kwalità fl-	24. Jinnota li l-petizzjonijiet eżaminati fl-2025 indirizzaw kwistjonijiet relatati mar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, inkluż tħassib dwar l-arranġamenti kummerċjali mal-Istati Uniti u l-applikazzjoni tat-tariffi, kif ukoll l-iżbilanċi perċepiti fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' ċerti pajjiżi sħab Asjatiċi; jinnota li l-petizzjonanti qajmu mistoqsijiet dwar l-impatt ta' tali dinamika kummerċjali fuq il-produtturi Ewropej, is-setturi ta' importanza strateġika u l-konsumaturi fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ ġust u bbażat fuq ir-regoli għall-kummerċ internazzjonali, filwaqt li jitqiesu kemm l-interessi ekonomiċi tal-UE kif ukoll it-tħassib leġittimu espress mill-produtturi u mill-konsumaturi Ewropej; jisħaq li l-politika kummerċjali tal-UE għandha tikkontribwixxi għal standards tax-xogħol, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem għoljin u tappoġġja impjiegi ta' kwalità fl-

UE;	UE; ***ifakkar ukoll fil-petizzjoni dwar il-ftehim agrikolu bejn l-UE u l-Marokk, u jisħaq li l-politika kummerċjali tal-UE trid tirrispetta bis-sħiħ id-dritt internazzjonali, tipproteġi lill-bdiewa Ewropej minn kompetizzjoni inġusta, tiggarantixxi t-traċċabbiltà u tiżgura kontrolli effettivi;***
	Or. es

Emenda 217
Alvise Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jinnota li l-petizzjonijiet eżaminati fl-2025 indirizzaw kwistjonijiet relatati mar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, inkluż tħassib dwar l-arranġamenti kummerċjali mal-Istati Uniti u l-applikazzjoni tat-tariffi, kif ukoll l-iżbilanċi perċepiti fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' ċerti pajjiżi sħab Asjatiċi; jinnota li l-petizzjonanti qajmu mistoqsijiet dwar l-impatt ta' tali dinamika kummerċjali fuq il-produtturi Ewropej, is-setturi ta' importanza strateġika u l-konsumaturi fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ ġust u bbażat fuq ir-regoli ***għall-kummerċ internazzjonali***, filwaqt li jitqiesu kemm l-interessi ekonomiċi tal-UE kif ukoll it-tħassib leġittimu espress mill-produtturi u ***mill-konsumaturi*** Ewropej; jisħaq li l-politika kummerċjali tal-UE għandha tikkontribwixxi għal standards tax-xogħol, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem għoljin u tappoġġja impjiegi ta' kwalità fl-UE;	24. Jinnota li l-petizzjonijiet eżaminati fl-2025 indirizzaw kwistjonijiet relatati mar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, inkluż tħassib dwar l-arranġamenti kummerċjali mal-Istati Uniti u l-applikazzjoni tat-tariffi***, b'mod partikolari l-impatt tagħhom fuq is-settur agroalimentari, il-produtturi rurali, l-industrija tal-ipproċessar, l-SMEs li jesportaw u l-konsumaturi***, kif ukoll l-iżbilanċi perċepiti fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' ċerti pajjiżi sħab Asjatiċi; jinnota li l-petizzjonanti qajmu mistoqsijiet dwar l-impatt ta' tali dinamika kummerċjali fuq il-produtturi Ewropej, is-setturi ta' importanza strateġika u l-konsumaturi fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ ġust u bbażat fuq ir-regoli***, fuq ir-reċiproċità ġenwina, fuq valutazzjonijiet tal-impatt minn qabel u fuq mekkaniżmi ta' salvagwardja għas-setturi produttivi l-aktar vulnerabbli***, filwaqt li jitqiesu kemm l-interessi ekonomiċi tal-UE kif ukoll it-tħassib leġittimu espress mill-produtturi u ***l-konsumaturi*** Ewropej; jisħaq li l-politika kummerċjali tal-UE għandha tikkontribwixxi għal standards tax-xogħol, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem għoljin u tappoġġja impjiegi ta' kwalità fl-

UE;

Or. es

Emenda 218
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jinnota li l-petizzjonijiet eżaminati fl-2025 indirizzaw kwistjonijiet relatati mar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, inkluż tħassib dwar l-arranġamenti kummerċjali mal-Istati Uniti u l-applikazzjoni tat-tariffi, kif ukoll l-iżbilanċi perċepiti fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' ċerti pajjiżi sħab Asjatiċi; jinnota li l-petizzjonanti qajmu mistoqsijiet dwar l-impatt ta' tali dinamika kummerċjali fuq il-produttur Ewropej, is-setturi ta' importanza strateġika u l-konsumaturi fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa li ***jiġi żgurat approċċ ġust u bbażat fuq ir-regoli għall-kummerċ internazzjonali, filwaqt li jitqiesu kemm l-interessi ekonomiċi tal-UE kif ukoll it-tħassib leġittimu espress mill-produtturi u mill-konsumaturi Ewropej; jisħaq li*** l-politika kummerċjali tal-UE ***għandha tikkontribwixxi għal standards tax-xogħol, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem għoljin u tappoġġja impjiegi ta' kwalità fl-UE***;	24. Jinnota li l-petizzjonijiet eżaminati fl-2025 indirizzaw kwistjonijiet relatati mar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, inkluż tħassib dwar l-arranġamenti kummerċjali mal-Istati Uniti u l-applikazzjoni tat-tariffi, kif ukoll l-iżbilanċi perċepiti fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' ċerti pajjiżi sħab Asjatiċi; jinnota li l-petizzjonanti qajmu mistoqsijiet dwar l-impatt ta' tali dinamika kummerċjali fuq il-produttur Ewropej, is-setturi ta' importanza strateġika u l-konsumaturi fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa li l-politika kummerċjali tal-UE ***tqis l-impatt tar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali fuq il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, is-setturi industrijali strateġiċi, l-impjiegi u l-konsumaturi***;

Or. sk

Emenda 219
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jinnota li l-petizzjonijiet eżaminati fl-2025 indirizzaw kwistjonijiet relatati mar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, inkluż tħassib dwar l-arranġamenti kummerċjali mal-Istati Uniti u l-applikazzjoni tat-tariffi, kif ukoll l-iżbilanċi perċepiti fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' ċerti pajjiżi sħab Asjatiċi; jinnota li l-petizzjonanti qajmu mistoqsijiet dwar l-impatt ta' tali dinamika kummerċjali fuq il-produtturi Ewropej, is-setturi ta' importanza strateġika u l-konsumaturi fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ ġust u bbażat fuq ir-regoli għall-kummerċ internazzjonali, filwaqt li jitqiesu kemm l-interessi ekonomiċi tal-UE kif ukoll it-tħassib leġittimu espress mill-produtturi u mill-konsumaturi Ewropej; jisħaq li l-politika kummerċjali tal-UE għandha ***tikkontribwixxi għal*** standards tax-xogħol, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem għoljin u tappoġġja impjiegi ta' kwalità fl-UE;	24. Jinnota li l-petizzjonijiet eżaminati fl-2025 indirizzaw kwistjonijiet relatati mar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, inkluż tħassib dwar l-arranġamenti kummerċjali mal-Istati Uniti***, il-Mercosur,*** u l-applikazzjoni tat-tariffi, kif ukoll l-iżbilanċi perċepiti fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' ċerti pajjiżi sħab Asjatiċi; jinnota li l-petizzjonanti qajmu mistoqsijiet dwar l-impatt ta' tali dinamika kummerċjali fuq il-produtturi Ewropej, is-setturi ta' importanza strateġika u l-konsumaturi fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat ***li l-politika tal-UE tibqa'*** approċċ ġust***, miftuħ*** u bbażat fuq ir-regoli għall-kummerċ internazzjonali, filwaqt li jitqiesu kemm l-interessi ekonomiċi tal-UE kif ukoll it-tħassib leġittimu espress mill-produtturi u mill-konsumaturi Ewropej***, u tikkontribwixxi għal ktajjen tal-provvista aktar reżiljenti u diversifikati***; jisħaq li l-politika kummerċjali tal-UE għandha ***tippromwovi*** standards tax-xogħol, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem għoljin u tappoġġja impjiegi ta' kwalità ***u kompetittività*** fl-UE;

Or. en

Emenda 220
Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jinnota li l-petizzjonijiet eżaminati fl-2025 indirizzaw kwistjonijiet relatati mar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, inkluż tħassib dwar l-arranġamenti kummerċjali mal-Istati Uniti u l-applikazzjoni tat-tariffi, kif ukoll l-iżbilanċi perċepiti fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' ċerti pajjiżi sħab Asjatiċi;	24. Jinnota li l-petizzjonijiet eżaminati fl-2025 indirizzaw kwistjonijiet relatati mar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, inkluż tħassib dwar l-arranġamenti kummerċjali mal-Istati Uniti u l-applikazzjoni tat-tariffi, kif ukoll l-iżbilanċi perċepiti fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' ċerti pajjiżi sħab Asjatiċi;

jinnota li l-petizzjonanti qajmu mistoqsijiet dwar l-impatt ta' tali dinamika kummerċjali fuq il-produtturi Ewropej, is-setturi ta' importanza strateġika u l-konsumaturi fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ ġust u bbażat fuq ir-regoli għall-kummerċ internazzjonali, filwaqt li jitqiesu kemm l-interessi ekonomiċi tal-UE kif ukoll it-tħassib leġittimu espress mill-produtturi u mill-konsumaturi Ewropej; jisħaq li l-politika kummerċjali tal-UE għandha tikkontribwixxi ***għal standards tax-xogħol, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem għoljin u*** tappoġġja ***impjiegi ta' kwalità fl-UE***;	jinnota li l-petizzjonanti qajmu mistoqsijiet dwar l-impatt ta' tali dinamika kummerċjali fuq il-produtturi Ewropej, is-setturi ta' importanza strateġika u l-konsumaturi fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ ġust u bbażat fuq ir-regoli għall-kummerċ internazzjonali, filwaqt li jitqiesu kemm l-interessi ekonomiċi tal-UE kif ukoll it-tħassib leġittimu espress mill-produtturi u mill-konsumaturi Ewropej; jisħaq li l-politika kummerċjali tal-UE għandha tikkontribwixxi ***għas-salvagwardja tal-kompetittività tal-produtturi Ewropej,*** tappoġġja ***l-awtonomija strateġika u tiżgura kundizzjonijiet ekwi għan-negozji Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs, fis-swieq internazzjonali***;
	Or. en

Emenda 221
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jiġbed l-attenzjoni dwar każijiet fejn il-konsumaturi jiġu mqarrqa mill-oriġini Ewropea implikata ta' prodotti li fil-fatt jiġu manifatturati barra mill-UE; jenfasizza li l-konsumaturi għandu jkollhom aċċess għal informazzjoni ċara u affidabbli, li ma tkunx tista' tiżgwida, dwar il-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti, b'mod partikolari f'setturi li jikkonċernaw prodotti għat-tfal, żraben u prodotti oħra għall-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar it-tikkettar tal-oriġini tal-prodotti u tressaq proposti biex ittejjeb it-trasparenza tas-suq, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-kompetizzjoni ġusta għall-produtturi li jimmanifatturaw il-prodotti tagħhom fl-

UE;

Or. pl

Emenda 222
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jisħaq li l-ftehimiet kummerċjali futuri jridu jiggarantixxu reċiproċità sħiħa u standards sanitarji, ambjentali u tax-xogħol ekwivalenti għall-prodotti importati sabiex tiġi evitata l-kompetizzjoni inġusta kontra l-bdiewa, is-sajjieda u l-produtturi Ewropej; ifakkar fit-tħassib serju espress ripetutament mill-petizzjonanti rigward il-Ftehim bejn l-UE u l-Mercosur.

Or. en

Emenda 223
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jinkoraġġixxi kooperazzjoni kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Ombudsman Ewropew f'oqsma relatati mat-trasparenza, mal-amministrazzjoni tajba u mal-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini; ***jissottolinja l-importanza ta' segwitu effettiv għar-rakkomandazzjonijiet*** tal-Ombudsman ***mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-UE; jilqa' il-kontributi*** regolari kontinwi tal-Ombudsman Ewropew għall-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena;	26. Jinkoraġġixxi kooperazzjoni kontinwa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Ombudsman Ewropew f'oqsma relatati mat-trasparenza, mal-amministrazzjoni tajba u mal-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini; ***jieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet*** tal-Ombudsman ***Ewropew indirizzati lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE f'oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha; jieħu nota tal-kontributi*** regolari kontinwi tal-Ombudsman Ewropew għall-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena;

Or. sk

Emenda 224
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jissottolinja l-importanza kbira li jittieħdu deċiżjonijiet ta' segwitu konsistenti billi jinżammu miftuħa u jitwettqu aktar inizjattivi fil-livell tal-Kumitat dwar petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet relatati ma' każijiet ta' amministrazzjoni ħażina mhux solvuti identifikati mill-Ombudsman Ewropew sabiex jgħinu, bl-aħjar mod possibbli, liċ-ċittadini milquta u jsaħħu l-appoġġ għar-rwol tal-Ombudsman Ewropew;

Or. en

Emenda 225
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' trasparenza sħiħa fir-rigward tal-finanzjament tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, b'mod partikolari dawk involuti fil-lobbjar ambjentali, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-fondi tal-Unjoni ma jintużawx biex jiffinanzjaw il-promozzjoni politika jew jinfluwenzaw il-proċessi leġiżlattivi.

Or. en

Emenda 226
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jinnota li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza erba' żjarat ta' ***ġbir ta' informazzjoni,*** fl-Awstrija, fil-Portugall u darbtejn fi Spanja, dwar kwistjonijiet imqajma f'petizzjonijiet relatati mal-protezzjoni ambjentali, id-drittijiet tax-xogħol, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, l-akkomodazzjoni u l-protezzjoni ċivili; jisħaq fuq l-importanza taż-żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni bħala mezz ta' ġbir ta' informazzjoni diretta mingħand il-petizzjonanti, l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati;	27. Jinnota li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza erba' żjarat ta' ***tiftix tal-fatti:*** fl-Awstrija, fil-Portugall u darbtejn fi Spanja, dwar kwistjonijiet imqajma f'petizzjonijiet relatati mal-protezzjoni ambjentali, id-drittijiet tax-xogħol, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, l-akkomodazzjoni u l-protezzjoni ċivili; jisħaq fuq l-importanza taż-żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni bħala mezz ta' ġbir ta' informazzjoni diretta mingħand il-petizzjonanti, l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati; ***jitlob li ż-żjarat futuri ta' ġbir ta' informazzjoni mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet jintgħażlu b'mod li jiżgura aħjar bilanċ ġeografiku xieraq fost l-Istati Membri, sabiex l-azzjoni fuq il-post tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet toffri riflessjoni ġusta tal-firxa ta' każijiet u problemi rrappurtati minn ċittadini minn madwar l-UE kollha;***

Or. pl

Emenda 227
Valentina Palmisano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jinnota li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza erba' żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni, fl-Awstrija, fil-Portugall u darbtejn fi Spanja, dwar kwistjonijiet imqajma f'petizzjonijiet relatati mal-protezzjoni ambjentali, id-drittijiet tax-xogħol, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, l-akkomodazzjoni u l-protezzjoni ċivili;	***27.*** 27. Jinnota li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza erba' żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni, fl-Awstrija, fil-Portugall u darbtejn fi Spanja, dwar kwistjonijiet imqajma f'petizzjonijiet relatati mal-protezzjoni ambjentali, id-drittijiet tax-xogħol, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, l-akkomodazzjoni u l-

jisħaq fuq l-importanza taż-żjarat ta’ ġbir ta’ informazzjoni bħala mezz ta’ ġbir ta’ informazzjoni diretta mingħand il-petizzjonanti, l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati;	protezzjoni ċivili; jisħaq fuq l-importanza taż-żjarat ta’ ġbir ta’ informazzjoni bħala mezz ta’ ġbir ta’ informazzjoni diretta mingħand il-petizzjonanti, l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati; ***jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tal-attivitajiet u taż-żjarat ta’ ġbir ta’ informazzjoni tal-Kumitat, li tirrifletti d-diversità tat-tħassib u r-realtajiet fl-Istati Membri kollha u tevita konċentrazzjoni eċċessiva fuq reġjuni speċifiċi;***
	Or. en

Emenda 228
Alvise Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jinnota li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza erba’ żjarat ta’ ġbir ta’ informazzjoni, fl-Awstrija, fil-Portugall u darbtejn fi Spanja, dwar kwistjonijiet imqajma f’petizzjonijiet relatati mal-protezzjoni ambjentali, id-drittijiet tax-xogħol, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, l-akkomodazzjoni u l-protezzjoni ċivili; jisħaq fuq l-importanza taż-żjarat ta’ ġbir ta’ informazzjoni bħala mezz ta’ ġbir ta’ informazzjoni diretta mingħand il-petizzjonanti, l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati;	27. Jinnota li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza erba’ żjarat ta’ ġbir ta’ informazzjoni, fl-Awstrija, fil-Portugall u darbtejn fi Spanja, dwar kwistjonijiet imqajma f’petizzjonijiet relatati mal-protezzjoni ambjentali, id-drittijiet tax-xogħol, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, l-akkomodazzjoni u l-protezzjoni ċivili; jisħaq fuq l-importanza taż-żjarat ta’ ġbir ta’ informazzjoni bħala mezz ta’ ġbir ta’ informazzjoni diretta mingħand il-petizzjonanti, l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati; ***jisħaq li, peress li Spanja kienet l-Istat Membru l-aktar affettwat mill-petizzjonijiet fl-2025 u l-Portugall irreġistra żieda sinifikanti, iż-żjarat f’dawk l-istati għandhom jiżguraw skrutinju pluralistiku, trasparenti u bbilanċjat, mingħajr esklużjonijiet motivati politikament;***
	Or. es

Emenda 229
Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jinnota li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza erba' żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni, fl-Awstrija, fil-Portugall u darbtejn fi Spanja, dwar kwistjonijiet imqajma f'petizzjonijiet relatati mal-protezzjoni ambjentali, id-drittijiet tax-xogħol, ***il-ġestjoni tal-migrazzjoni***, l-akkomodazzjoni u l-protezzjoni ċivili; jisħaq fuq l-importanza taż-żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni bħala mezz ta' ġbir ta' informazzjoni diretta mingħand il-petizzjonanti, l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati;	27. Jinnota li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza erba' żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni, fl-Awstrija, fil-Portugall u darbtejn fi Spanja, dwar kwistjonijiet imqajma f'petizzjonijiet relatati mal-protezzjoni ambjentali, id-drittijiet tax-xogħol, ***il-migrazzjoni irregolari u s-sigurtà tal-fruntieri***, l-akkomodazzjoni u l-protezzjoni ċivili; jisħaq fuq l-importanza taż-żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni bħala mezz ta' ġbir ta' informazzjoni diretta mingħand il-petizzjonanti, l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati; ***jinnota li ż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni fil-Gżejjer Kanarji enfasizzat l-isfidi ppreżentati mill-wasliet ta' persuni f'kuntest ta' migrazzjoni irregolari, inkluż ir-rwol tan-networks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u l-pressjoni fuq il-faċilitajiet ta' akkoljenza u fuq il-komunitajiet lokali;***

Or. en

Emenda 230
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jinnota li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza erba' żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni, fl-Awstrija, fil-Portugall u darbtejn fi Spanja, dwar kwistjonijiet imqajma f'petizzjonijiet relatati mal-protezzjoni ambjentali, id-drittijiet tax-xogħol, ***il-ġestjoni*** tal-migrazzjoni, l-akkomodazzjoni u l-protezzjoni ċivili;	27. Jinnota li fl-2025 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza erba' żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni, fl-Awstrija, fil-Portugall u darbtejn fi Spanja, dwar kwistjonijiet imqajma f'petizzjonijiet relatati mal-protezzjoni ambjentali, ***l-agrikoltura,*** id-drittijiet tax-xogħol, ***il-kriżi*** tal-migrazzjoni ***fir-rigward tal-migrazzjoni irregolari***, l-

jisħaq fuq l-importanza taż-żjarat ta’ ġbir ta’ informazzjoni bħala mezz ta’ ġbir ta’ informazzjoni diretta mingħand il-petizzjonanti, l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati;	akkomodazzjoni u l-protezzjoni ċivili; jisħaq fuq l-importanza taż-żjarat ta’ ġbir ta’ informazzjoni bħala mezz ta’ ġbir ta’ informazzjoni diretta mingħand il-petizzjonanti, l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati;
	Or. en

Emenda 231
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Ifakkar fiż-żjara ta’ ġbir ta’ informazzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-Gżejjer Kanarji, li saret mill-15 sas-17 ta’ Settembru 2025 bl-għan li jiġu vvalutati l-isfidi ffaċċjati fuq il-post fil-Gżejjer Kanarji bħala riżultat tal-wasliet ta’ migranti illegali; inkluż it-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ bnedmin, u l-promozzjoni ta’ kooperazzjoni aktar mill-qrib ma’ pajjiżi terzi fl-isferi kollha — kemm il-pajjiżi ta’ oriġini kif ukoll il-pajjiżi ta’ tranżitu; jilqa’ l-laqgħat li saru maċ-ċittadini affettwati, dawk li jfasslu l-politika, il-forzi tal-pulizija u l-membri tal-ġudikatura biex tinġabar kemm jista’ jkun informazzjoni fejn finalment kisbu għarfien dirett dwar l-isfidi differenti ppreżentati mill-pressjoni migratorja li taffettwa r-reġjun, kif ukoll dwar is-sitwazzjoni tal-migranti, b’mod partikolari l-minorenni barranin mhux akkumpanjati, fil-Gżejjer Kanarji; jisħaq, f’dan il-kuntest, fuq il-ħtieġa ta’ rispons Ewropew b’saħħtu u ġust ibbażat fuq solidarjetà effettiva u kondivižjoni ġusta tar-responsabbiltajiet, il-forniment ta’ riżorsi umani u materjali suffiċjenti biex jittejbu l-kapaċitajiet ta’ akkoljenza temporanja, il-verifika sistematika tal-identità, il-kontrolli tas-sigurtà u tal-età,

il-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli u r-ritorn effettiv ta' dawk li ma għandhomx dritt li jibqgħu fl-UE; jenfasizza r-rakkomandazzjoni 7 tar-rapport tal-missjoni fil-Gżejjer Kanarji li tfakkar li l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil huwa vinkolanti fuq l-Istati Membri kollha fl-intier tiegħu; jenfasizza wkoll ir-rakkomandazzjoni numru 13 tar-rapport tal-missjoni fil-Gżejjer Kanarji li fiha jesprimi tħassib dwar il-firxa wiesgħa ta' miżuri nazzjonali dwar il-migrazzjoni adottati mingħajr dibattitu jew kunsens parlamentari li, meta ma jkunux ikkoordinati kif xieraq fil-livell tal-UE, jistgħu jdgħajfu l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, jaffettwaw il-funzjonament xieraq taż-żona Schengen u jaggravaw il-pressjoni fuq is-servizzi pubbliċi li diġà jinsabu taħt pressjoni żejda;

Or. es

Emenda 232
Alvise Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jinsisti li ż-żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni għandhom iservu biex jagħtu vuċi lill-petizzjonanti u jiċċaraw kwistjonijiet ta' interess pubbliku, speċjalment meta jikkonċernaw id-diżastri, il-fallimenti tal-protezzjoni ċivili, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, id-drittijiet fundamentali, il-korruzzjoni jew allegata amministrazzjoni ħażina; iqis li l-esklużjoni ta' Membri eletti demokratikament għal raġunijiet purament politiċi tista' tagħmel ħsara lill-kredibbiltà tal-Kumitat u lill-fiduċja taċ-ċittadini fil-proċess tal-petizzjonijiet;

Or. es

Emenda 233
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27b. Ifakkar fiż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet f'Barbate u Algeciras, li saret mis-26 sat-28 ta' Mejju 2025 bl-għan li jiġu vvalutati l-isfidi ppreżentati mill-attività kriminali, speċjalment fir-rigward taż-żieda fil-vjolenza kontra l-uffiċjali tal-pulizija, il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-impatt ġenerali fuq is-sigurtà pubblika u l-ekonomija lokali; iż-żjara ppermettiet lill-membri tal-missjoni jitgħallmu direttament dwar il-perikli li jiffaċċjaw il-pulizija u awtoritajiet oħra fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-kawżi ta' tali kriminalità, kif ukoll fl-għoti ta' appoġġ essenzjali lill-qraba ta' uffiċjali tal-pulizija deċeduti; ifakkar li l-petizzjoni li qed tiġi kkunsidrata talbet ir-rikonoxximent tal-ħidma tal-pulizija bħala professjoni riskjuża fl-UE u l-inklużjoni ta' attakki kontra l-uffiċjali tal-pulizija fost forom serji ta' kriminalità b'dimensjoni transfruntiera, f'konformità mal-Artikolu 83 tat-TFUE; Or. es

Emenda 234
Alvise Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27b. Jitlob li kwalunkwe deċiżjoni li tirrifjuta l-parteċipazzjoni ta' Membru fi

żjara ta' ġbir ta' informazzjoni, speċjalment meta jkun Membru elett fl-Istat Membru li tkun se ssirlu żjara, tiġi ġġustifikata bil-miktub, tiġi ddikjarata l-bażi legali applikabbli, jiġi spjegat kif ġie rrispettat il-bilanċ politiku u jiġi previst mekkaniżmu ta' rieżami ċar;

Or. es

Emenda 235
Alvise Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27c. Iqis li l-prinċipju tal-bilanċ politiku m'għandux jiġi interpretat eskluživament bħala bilanċ bejn il-gruppi politiċi, iżda wkoll bħala garanzija ta' pluraliżmu demokratiku ġenwin, inklużi l-Membri mhux affiljati, meta jirrappreżentaw ċittadini affettwati direttament mill-petizzjonijiet li jkunu qed jiġu kkunsidrati jew miż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni relatata;

Or. es

Emenda 236
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Ifakkar fil-ħidma tal-kumitat fir-rigward tal-edukazzjoni, tal-ambjenti diġitali u tal-protezzjoni tal-minorenni online; ifakkar fis-seduta ta' smigħ konġunta tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur tal-4 ta' Novembru 2025	28. Ifakkar fil-ħidma tal-kumitat fir-rigward tal-edukazzjoni, tal-ambjenti diġitali u tal-protezzjoni tal-minorenni online; ifakkar fis-seduta ta' smigħ konġunta tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur tal-4 ta' Novembru 2025

dwar il-protezzjoni tat-tfal u l-adolexxenti f'ambjenti diġitali, fejn ġew eżaminati kwistjonijiet relatati mas-sikurezza online, ir-responsabbiltajiet tal-pjattaformi diġitali, il-mekkaniżmi ta' assigurazzjoni u verifika tal-età, l-esponiment tal-minorenni għal kontenut ta' ħsara jew mhux xieraq, u l-implimentazzjoni ***u l-infurzar effettivi*** tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE***, inkluż fir-rigward tal-obbligu ta' rendikont tal-pjattaformi u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju; jissottolinja*** li l-iskambju ta' fehmiet mal-partijiet ikkonċernati, ***mal-awtoritajiet*** kompetenti u ***mal-esperti enfasizza l-ħtieġa ta' approċċ koerenti u ċċentrat fuq it-tfal għar-regolamentazzjoni diġitali, li jiżgura kemm livell għoli ta' protezzjoni għall-minorenni kif ukoll il-preżervazzjoni ta' spazji*** diġitali ***sikuri u fdati għall-edukazzjoni u l-interazzjoni soċjali***;	dwar il-protezzjoni tat-tfal u l-adolexxenti f'ambjenti diġitali, fejn ġew eżaminati kwistjonijiet relatati mas-sikurezza online, ir-responsabbiltajiet tal-pjattaformi diġitali, il-mekkaniżmi ta' assigurazzjoni u verifika tal-età, l-esponiment tal-minorenni għal kontenut ta' ħsara jew mhux xieraq, u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE***; jinnota*** li l-iskambju ta' fehmiet mal-partijiet ikkonċernati, ***l-awtoritajiet*** kompetenti u ***l-esperti ffoka fuq kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-minorenni fl-ambjent*** diġitali ***u fuq miżuri mfassla biex inaqqsu r-riskji li huma esposti għalihom l-utenti żgħażagħ***;
	Or. sk

Emenda 237
Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jisħaq li l-IĊE huma strument importanti għaċ-ċittadinanza attiva u għall-parteċipazzjoni pubblika; jilqa' l-ħidma kontinwa tal-kumitat fil-qafas tal-IĊE, inklużi s-seduti ta' smigħ organizzati fl-2025 dwar l-inizjattivi "Politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza tar-reġjuni u għas-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali" u "Il-Vuċi Tiegħi, l-Għażla Tiegħi: Għal Abort Sikur u Aċċessibbli"; ifakkar fir-rwol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-iffaċilitar tad-djalogu bejn l-organizzaturi tal-IĊE, il-Parlament u l-Kummissjoni;	***imħassar***
	Or. en

Emenda 238
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jisħaq li l-IĊE huma strument importanti għaċ-ċittadinanza attiva u għall-parteċipazzjoni pubblika; jilqa' l-ħidma kontinwa tal-kumitat fil-qafas tal-IĊE, inklużi s-seduti ta' smigħ organizzati fl-2025 dwar l-inizjattivi ***"Politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza tar-reġjuni u għas-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali" u "Il-Vuċi Tiegħi, l-Għażla Tiegħi: Għal Abort Sikur u Aċċessibbli"***; ifakkar fir-rwol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-iffaċilitar tad-djalogu bejn l-organizzaturi tal-IĊE, il-Parlament u l-Kummissjoni;	29. Jisħaq li l-IĊE huma strument importanti għaċ-ċittadinanza attiva u għall-parteċipazzjoni pubblika; jilqa' l-ħidma kontinwa tal-kumitat fil-qafas tal-IĊE, inklużi s-seduti ta' smigħ organizzati fl-2025 dwar l-inizjattivi ***Ewropej; jisħaq li d-deċiżjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni, l-ammissibbiltà u t-trattament ulterjuri tal-IĊE jridu jkunu bbażati fuq kriterji legali ċari u applikati b'mod uniformi u la jridu jkunu arbitrarji u lanqas ma jridu jwasslu għall-għażla selettiva ta' inizjattivi li jsegwu objettivi koperti mit-Trattati; jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta bis-sħiħ l-ispirtu u l-kliem tal-leġiżlazzjoni tal-IĊE, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar raġunijiet trasparenti u dettaljati għal deċiżjonijiet għall-organizzaturi u l-opinjoni pubblika***; ifakkar fir-rwol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-iffaċilitar tad-djalogu bejn l-organizzaturi tal-IĊE, il-Parlament u l-Kummissjoni;

Or. pl

Emenda 239
Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jisħaq li l-IĊE huma strument importanti għaċ-ċittadinanza attiva u għall-parteċipazzjoni pubblika; jilqa' l-ħidma kontinwa tal-kumitat fil-qafas tal-IĊE, inklużi s-seduti ta' smigħ organizzati fl-	29. Jisħaq li l-IĊE huma strument importanti għaċ-ċittadinanza attiva u għall-parteċipazzjoni pubblika; jilqa' l-ħidma kontinwa tal-kumitat fil-qafas tal-IĊE, inklużi s-seduti ta' smigħ organizzati fl-

2025 dwar ***l-inizjattivi*** “Politika ta’ koeżjoni għall-ugwaljanza tar-reġjuni u għas-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali” ***u*** “Il-Vuċi Tiegħi, l-Għażla Tiegħi: Għal Abort Sikur u Aċċessibbli”; ifakkar fir-rwol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-iffaċilitar tad-djalogu bejn l-organizzaturi tal-IĊE, il-Parlament u l-Kummissjoni;

2025 dwar ***l-inizjattiva*** “Politika ta’ koeżjoni għall-ugwaljanza tar-reġjuni u għas-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali”***; jinnota li l-kumitat kien assoċjat ukoll mas-seduta ta' smigħ dwar l-inizjattiva*** "Il-Vuċi Tiegħi, l-Għażla Tiegħi: Għal Abort Sikur u Aċċessibbli" ***organizzata mill-Kumitat FEMM; ifakkar li l-politika tas-saħħa, inkluża s-saħħa sesswali u riproduttiva, taqa’ primarjament taħt il-kompetenza tal-Istati Membri***; ifakkar fir-rwol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-iffaċilitar tad-djalogu bejn l-organizzaturi tal-IĊE, il-Parlament u l-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 240
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jisħaq li l-IĊE huma strument importanti għaċ-ċittadinanza attiva u għall-parteċipazzjoni pubblika; jilqa’ l-ħidma kontinwa tal-kumitat fil-qafas tal-IĊE***, inklużi s-seduti ta’ smigħ organizzati fl-2025 dwar l-inizjattivi “Politika ta’ koeżjoni għall-ugwaljanza tar-reġjuni u għas-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali” u “Il-Vuċi Tiegħi, l-Għażla Tiegħi: Għal Abort Sikur u Aċċessibbli”***; ifakkar fir-rwol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-iffaċilitar tad-djalogu bejn l-organizzaturi tal-IĊE, il-Parlament u l-Kummissjoni;	29. Jisħaq li l-IĊE huma strument importanti għaċ-ċittadinanza attiva u għall-parteċipazzjoni pubblika; jilqa’ l-ħidma kontinwa tal-kumitat fil-qafas tal-IĊE; ifakkar fir-rwol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-iffaċilitar tad-djalogu bejn l-organizzaturi tal-IĊE, il-Parlament u l-Kummissjoni;

Or. es

Emenda 241
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jisħaq li l-IĊE huma strument ***importanti għaċ-ċittadinanza attiva u*** għall-parteċipazzjoni ***pubblika; jilqa'*** l-ħidma kontinwa ***tal-kumitat*** fil-qafas tal-IĊE, inklużi s-seduti ta' smigħ organizzati fl-2025 dwar l-inizjattivi ***"Politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza tar-reġjuni u għas-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali" u "Il-Vuċi Tiegħi, l-Għażla Tiegħi: Għal Abort Sikur u Aċċessibbli"***; ifakkar fir-rwol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-iffaċilitar tad-djalogu bejn l-organizzaturi tal-IĊE, il-Parlament u l-Kummissjoni;	29. Jisħaq li l-IĊE huma strument għall-parteċipazzjoni ***ċivika u l-involviment pubbliku; jirrikonoxxi*** l-ħidma kontinwa fil-qafas tal-IĊE, inklużi s-seduti ta' smigħ organizzati fl-2025 dwar l-inizjattivi ***li ssodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea***; ifakkar fir-rwol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-iffaċilitar tad-djalogu bejn l-organizzaturi tal-IĊE, il-Parlament u l-Kummissjoni;
	Or. sk

Emenda 242
Michał Kobosko, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jisħaq fuq ir-rwol uniku tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet bħala l-mezz dirett tal-Parlament Ewropew għat-tħassib u l-aspettattivi taċ-ċittadini; jissottolinja li, fil-kuntest tal-inizjattiva Omnibus taċ-Ċittadini li jmiss, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu jkun assoċjat bis-sħiħ kemm mat-tħejjija kif ukoll mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva; b'hekk jiġi żgurat li l-esperjenzi taċ-ċittadini, kif espressi permezz tal-petizzjonijiet, jitqiesu b'mod sistematiku meta jiġu identifikati l-pożijiet amministrattivi bla bżonn u l-isfidi ta' implimentazzjoni.
	Or. en

Emenda 243
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. ***Jinnota li, bħala azzjoni ta' segwitu għal*** petizzjoni mressqa lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet ***li tenfasizza l-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti u appoġġjati aħjar il-bejjiegħa bl-imnut żgħar fis-suq intern, il-Kummissjoni żviluppat u nediet*** l-inizjattiva ***tal-Kapitali*** Ewropej tal-Bejgħ bl-Imnut Żgħir***; ifakkar li*** fit-3 ta' Lulju 2025 ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni pparteċipaw fit-tnedija uffiċjali ***tal-inizjattiva***, u dan ***jimmarka pass*** importanti fl-implimentazzjoni ***u l-viżibbiltà*** tagħha fil-livell ***tal-UE***; jinnota li l-inizjattiva ***għandha l-għan li tippromwovi r-rwol tan-negozji żgħar tal-bejgħ bl-imnut fl-ekonomiji urbani u lokali, trawwem l-iskambju ta' prattika tajba bejn il-bliet, u ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur; iqis dan l-iżvilupp bħala eżempju ta' kif il-proċess tal-petizzjonijiet jista' jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' politika konkreti u biex it-tħassib*** taċ-ċittadini ***jissarraf f'azzjonijiet ta'*** segwitu ***fil-livell tal-UE***, u b'hekk jissaħħaħ il-valur miżjud tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet ***fil-qafas*** istituzzjonali***;***	30. ***Ifakkar li l-inizjattiva għal Kapitali Ewropea tal-Bejgħ bl-Imnut Żgħir oriġinat minn*** petizzjoni mressqa lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet***, li rċeviet l-appoġġ unanimu tal-Kumitat u kkontribwiet għall-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' Jannar 2023 li titlob l-istabbiliment ta' inizjattiva bħal din; jinnota li, wara l-appoġġ tal-Parlament, il-Kumitat għall-Baġits żgura l-inklużjoni ta' Azzjoni Preparatorja fil-baġit tal-Unjoni għall-2024 b'allokazzjoni ta' EUR 3 miljun, li tippermetti lill-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa u timplimenta*** l-inizjattiva***; jilqa' t-tnedija uffiċjali tal-inizjattiva Kapitali*** Ewropej tal-Bejgħ bl-Imnut Żgħir ***u jfakkar li,*** fit-3 ta' Lulju 2025***,*** ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni pparteċipaw fit-tnedija uffiċjali ***tagħha***, u dan ***immarka avveniment ewlieni*** importanti fl-implimentazzjoni tagħha fil-livell ***tal-Unjoni***; jinnota li ***l-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet għall-premju tal-2026 ġiet varata fl-2025; jissottolinja li din*** l-inizjattiva ***turi l-impatt konkret tad-dritt ta' petizzjoni, u kif il-petizzjonijiet*** taċ-ċittadini ***jistgħu jsawru l-aġenda politika tal-Unjoni, iwasslu għal*** segwitu ***parlamentari, baġitarju u ta' politika konkret, u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' inizjattivi tal-Unjoni***, u b'hekk jissaħħaħ il-valur miżjud tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet ***fiil-qafas*** istituzzjonali ***tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 244
Alvise Pérez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jinnota li, bħala azzjoni ta' segwitu għal petizzjoni mressqa lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet li tenfasizza l-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti u appoġġjati aħjar il-bejjiegħa bl-imnut żgħar fis-suq intern, il-Kummissjoni żviluppat u nediet l-inizjattiva tal-Kapitali Ewropej tal-Bejgħ bl-Imnut Żgħir; ifakkar li fit-3 ta' Lulju 2025 ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni pparteċipaw fit-tnedija uffiċjali tal-inizjattiva, u dan jimmarka pass importanti fl-implimentazzjoni u l-viżibbiltà tagħha fil-livell tal-UE; jinnota li l-inizjattiva għandha l-għan li tippromwovi r-rwol tan-negozji żgħar tal-bejgħ bl-imnut fl-ekonomiji urbani u lokali, trawwem l-iskambju ta' prattika tajba bejn il-bliet, u ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur; iqis dan l-iżvilupp bħala eżempju ta' kif il-proċess tal-petizzjonijiet jista' jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' politika konkreti u biex it-tħassib taċ-ċittadini jissarraf f'azzjonijiet ta' segwitu fil-livell tal-UE, u b'hekk jissaħħaħ il-valur miżjud tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-qafas istituzzjonali;	30. Jinnota li, bħala azzjoni ta' segwitu għal petizzjoni mressqa lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet li tenfasizza l-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti u appoġġjati aħjar il-bejjiegħa bl-imnut żgħar fis-suq intern, il-Kummissjoni żviluppat u nediet l-inizjattiva tal-Kapitali Ewropej tal-Bejgħ bl-Imnut Żgħir; ifakkar li fit-3 ta' Lulju 2025 ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni pparteċipaw fit-tnedija uffiċjali tal-inizjattiva, u dan jimmarka pass importanti fl-implimentazzjoni u l-viżibbiltà tagħha fil-livell tal-UE; jinnota li l-inizjattiva għandha l-għan li tippromwovi r-rwol tan-negozji żgħar tal-bejgħ bl-imnut fl-ekonomiji urbani u lokali, trawwem l-iskambju ta' prattika tajba bejn il-bliet, u ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur; iqis dan l-iżvilupp bħala eżempju ta' kif il-proċess tal-petizzjonijiet jista' jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' politika konkreti u biex it-tħassib taċ-ċittadini jissarraf f'azzjonijiet ta' segwitu fil-livell tal-UE, u b'hekk jissaħħaħ il-valur miżjud tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-qafas istituzzjonali; ***jisħaq li l-proċess tal-petizzjonijiet għandu jintuża wkoll biex jiġu identifikati l-ostakli amministrattivi, il-pożijiet regolatorji u d-deċiżjonijiet pubbliċi li jagħmlu ħsara lin-negozji ż-żgħar, lil dawk li jaħdmu għal rashom u lill-SMEs, speċjalment meta tali pożijiet jirriżultaw minn applikazzjoni sproporzjonata jew mhux ċara tad-dritt tal-UE;***

Or. es

Emenda 245
Michał Kobosko, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jinnota li, bħala azzjoni ta' segwitu għal petizzjoni mressqa lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet li tenfasizza l-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti u appoġġjati aħjar il-bejjiegħa bl-imnut żgħar fis-suq intern, il-Kummissjoni żviluppat u nediet l-inizjattiva tal-Kapitali Ewropej tal-Bejgħ bl-Imnut Żgħir; ifakkar li fit-3 ta' Lulju 2025 ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni pparteċipaw fit-tnedija uffiċjali tal-inizjattiva, u dan jimmarka pass importanti fl-implimentazzjoni u l-viżibbiltà tagħha fil-livell tal-UE; jinnota li l-inizjattiva għandha l-għan li tippromwovi r-rwol tan-negozji żgħar tal-bejgħ bl-imnut fl-ekonomiji urbani u lokali, trawwem l-iskambju ta' prattika tajba bejn il-bliet, u ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur; iqis dan l-iżvilupp bħala eżempju ta' kif il-proċess tal-petizzjonijiet jista' jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' politika konkreti u biex it-tħassib taċ-ċittadini jissarraf f'azzjonijiet ta' segwitu fil-livell tal-UE, u b'hekk jissaħħaħ il-valur miżjud tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-qafas istituzzjonali;	30. Jinnota li, bħala azzjoni ta' segwitu għal petizzjoni mressqa lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet li tenfasizza l-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti u appoġġjati aħjar il-bejjiegħa bl-imnut żgħar fis-suq intern, il-Kummissjoni żviluppat u nediet l-inizjattiva tal-Kapitali Ewropej tal-Bejgħ bl-Imnut Żgħir; ifakkar li fit-3 ta' Lulju 2025 ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni pparteċipaw fit-tnedija uffiċjali tal-inizjattiva, u dan jimmarka pass importanti fl-implimentazzjoni u l-viżibbiltà tagħha fil-livell tal-UE; jinnota li l-inizjattiva għandha l-għan li tippromwovi r-rwol tan-negozji żgħar tal-bejgħ bl-imnut fl-ekonomiji urbani u lokali, trawwem l-iskambju ta' prattika tajba bejn il-bliet, u ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur; iqis dan l-iżvilupp bħala eżempju ta' kif il-proċess tal-petizzjonijiet jista' jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' politika konkreti u biex it-tħassib taċ-ċittadini jissarraf f'azzjonijiet ta' segwitu fil-livell tal-UE, u b'hekk jissaħħaħ il-valur miżjud tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-qafas istituzzjonali; ***jitlob li petizzjonijiet rikorrenti li jikkonċernaw problemi simili ta' implimentazzjoni f'diversi Stati Membri jingħabru flimkien b'mod aktar sistematiku għal dibattitu sabiex tiġi ffaċilitata l-analiżi komparattiva u jiġu identifikati sfidi possibbli ta' implimentazzjoni fl-Unjoni kollha.***

Or. en

Emenda 246
Erik Kaliňák, Monika Beňová, Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jinnota li, bħala azzjoni ta' segwitu	30. Jinnota li, bħala azzjoni ta' segwitu

għal petizzjoni mressqa lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet li tenfasizza l-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti u appoġġjati aħjar il-bejjiegħa bl-imnut żgħar fis-suq intern, il-Kummissjoni żviluppat u nediet l-inizjattiva tal-Kapitali Ewropej tal-Bejgħ bl-Imnut Żgħir; ifakkar li fit-3 ta' Lulju 2025 ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni pparteċipaw fit-tnedija uffiċjali tal-inizjattiva***, u dan jimmarka pass importanti fl-implimentazzjoni u l-viżibbiltà tagħha fil-livell tal-UE***; jinnota li l-inizjattiva għandha l-għan li tippromwovi r-rwol tan-negozji żgħar tal-bejgħ bl-imnut fl-ekonomiji urbani u lokali, trawwem l-iskambju ***ta' prattika tajba*** bejn il-bliet, u ssaħħaħ ***ir-reżiljenza u l-kompetittività*** tas-settur; ***iqis dan l-iżvilupp bħala eżempju ta' kif il-proċess tal-petizzjonijiet jista' jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' politika konkreti u biex it-tħassib taċ-ċittadini jissarraf f'azzjonijiet ta' segwitu fil-livell tal-UE, u b'hekk jissaħħaħ il-valur miżjud tal-Kumitat*** għall-Petizzjonijiet ***fil-qafas istituzzjonali***;

għal petizzjoni mressqa lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet li tenfasizza l-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti u appoġġjati aħjar il-bejjiegħa bl-imnut żgħar fis-suq intern, il-Kummissjoni żviluppat u nediet l-inizjattiva tal-Kapitali Ewropej tal-Bejgħ bl-Imnut Żgħir; ifakkar li fit-3 ta' Lulju 2025 ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni pparteċipaw fit-tnedija uffiċjali tal-inizjattiva; jinnota li l-inizjattiva għandha l-għan li tippromwovi r-rwol tan-negozji żgħar tal-bejgħ bl-imnut fl-ekonomiji urbani u lokali, trawwem l-iskambju ***tal-esperjenza*** bejn il-bliet, u ssaħħaħ ***il-kompetittività*** tas-settur; ***jinnota li l-inizjattiva inkwistjoni qamet bi tweġiba għall-kwistjonijiet imqajma f'petizzjoni eżaminata mill-Kumitat*** għall-Petizzjonijiet;

Or. sk